

Brussell, 16 ta' Diċembru 2025  
(OR. en)

16933/25

ELARG 172  
COWEB 179  
COEST 910

**NOTA**

---

minn:	Presidenza
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Presidenza dwar it-Tkabbir

---

Il-Presidenza tinnotta li t-test propost tagħha għal abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill irċieva l-appoġġ ta' 26 delegazzjoni matul id-deliberazzjonijiet tal-Kunsill dwar dan il-punt.

Madankollu, peress li delegazzjoni waħda ma appoġġatx it-test, il-Presidenza, fin-nuqqas ta' kunsens, qed tiddeċiedi li toħroġ it-test, meħmuż, bħala konklużjonijiet tal-Presidenza.

## KONKLUŻJONIJIET TAL-PRESIDENZA DWAR IT-TKABBIR

1. Il-Kunsill jikkonferma mill-ġdid l-importanza ġeostrateġika tat-tkabbir bħala kontribut ewlieni għall-paċi, is-sigurtà, l-istabbiltà u l-prosperità tal-Ewropa fis-seklu wieħed u għoxrin. Proċess ta' tkabbir effiċjenti, ibbażat fuq il-mertu u kredibbli jrid jiġi sostnut, abbażi tal-kriterji, il-prinċipji stabbiliti, u l-metodoloġija ta' Copenhagen.
2. Il-Kunsill iħeġġeġ lis-sħab kollha biex jaħtfu l-opportunità, jużaw il-momentum attwali u jieħdu l-passi kollha meħtieġa biex jaċċelleraw il-progress tagħhom fil-perkors lejn l-UE. F'kundest ġeopolitiku dejjem aktar volatili, bil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna li qed tiġi miġġielda fil-kontinent tagħna, l-Unjoni Ewropea tibqa' ankra ta' paċi, prosperità u sigurtà. Ir-rispett tad-dritt internazzjonali, ir-riżoluzzjoni paċifika tal-kunflitti u l-kooperazzjoni reġjonali huma prinċipji mill-aktar importanti li għalihom l-Unjoni hija impenjata.
3. Il-Kunsill itenni li l-progress tas-sħab kollha li jaspiraw li jissiehu ser ikompli jiġi vvalutat abbażi ta' kundizzjonalità ġusta u rigoruża u tal-merti tagħhom stess: pedament tan-negozjati tal-adeżjoni, bl-istat tad-dritt, id-demokrazija u d-drittijiet fundamentali fil-qalba tiegħu. Huma jridu jirrispettaw u jippromwovu l-valuri tal-Unjoni Ewropea kif stipulati fit-Trattati. Is-sħubija fl-UE tippresupponi l-kapaċità li tassumi bis-sħiħ l-obbligi kollha tas-sħubija. Il-progress fir-rigward tal-prinċipji fundamentali jibqa' l-punt ta' riferiment ewlieni għall-progress lejn is-sħubija fl-UE. Għandha tingħata attenzjoni speċjali biex jiġi indirizzat kwalunkwe nuqqas irrappurtat mill-Kummissjoni.

4. Il-kapaċità tal-Unjoni li tassorbi membri ġodda, filwaqt li żżomm il-kapaċità tagħha li tiffunzjona b'mod effettiv u tiżviluppa, hija wkoll kunsiderazzjoni importanti fl-interess ġenerali kemm tal-Unjoni kif ukoll tal-pajjiżi kandidati. B'ħarsa 'l quddiem lejn il-prospett ta' Unjoni akbar milli hi, kemm l-UE kif ukoll l-Istati Membri futuri jeħtieġ li jkunu lesti. B'mod parallel mal-membri aspiranti li qed iżidu l-isforzi ta' riforma tagħhom, l-UE teħtieġ tistabbilixxi l-bażi u r-riformi interni meħtieġa, kif stipulat fid-Dikjarazzjoni ta' Granada u fil-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Ġunju 2024. Dan ser isaħħaħ lill-UE u jżid is-sovranità Ewropea. Il-Kunsill ser jibqa' jsegwi mill-qrib din il-kwistjoni u jmexxi 'l quddiem il-ħidma f'konformità mal-proċeduri maqbula.
5. L-allinjament sħiħ mal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni (PESK) tal-UE jibqa' aspett ewlieni tal-proċess ta' integrazzjoni tal-UE, u espressjoni qawwija tal-ġhażla strateġika ta' sieħeb. Il-Kunsill jistenna li s-sħab kollha jallinjaw ruħhom kompletament mal-PESK tal-UE, inkluż dwar miżuri restrittivi. Il-Kunsill jilqa' l-kontribut kontinwu tas-sħab għall-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-Politika ta' Sigurtà u Difiża Komuni (PSDK) tal-UE.
6. Fil-Balkani tal-Punent, ir-relazzjonijiet tajbin ta' viċinat u l-kooperazzjoni reġjonali jibqgħu elementi essenzjali tal-proċess ta' tkabbir, kif ukoll tal-Proċess ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni. Il-Kunsill iħeġġeġ bil-qawwa lis-sħab biex isolvu t-tilwim u l-kwistjonijiet bilaterali bejniethom li għandhom l-għeruw tagħhom fil-legat tal-passat, f'konformità mad-dritt internazzjonali u l-prinċipji stabbiliti, inkluż il-Ftehim dwar Kwistjonijiet ta' Suċċessjoni.
7. It-tqarrib tas-sħab lejn l-UE diġà qabel l-adeżjoni jibqa' prijorità. Il-Kunsill jappella lill-pajjiżi kandidati biex jagħmlu l-aħjar użu mill-opportunitajiet eżistenti u jistieden lill-Kummissjoni biex tagħmel aktar proposti dwar l-integrazzjoni gradwali.
8. Tibqa' kruċjali komunikazzjoni strateġika effettiva dwar it-tkabbir u l-benefiċċji tiegħu mis-sħab kollha u mill-UE.

9. Il-Kunsill jieħu nota kif jixraq tal-Komunikazzjoni u r-rapporti tal-Kummissjoni tal-4 ta' Novembru 2025, u jilqa' b'mod partikolari:

- is-suċċessi sinifikanti u l-progress miksub minn diversi kandidati fl-2025 minkejja l-isfidi sinifikanti kkawżati mill-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u t-tkomplija tal-attivitajiet ibridi. Filwaqt li jfaħħar il-progress, il-Kunsill jistenna b'interess li jieħu passi ulterjuri biex javvanza l-proċessi ta' adeżjoni rispettivi hekk kif il-kriterji jkunu ġew sodisfatti u l-kundizzjonijiet jippermettu.
- li l-Montenegro kompla javvanza fin-negozjati tal-adeżjoni tiegħu u li 12-il kapitolu ta' negozjar issa ngħalqu proviżorjament. Il-Kunsill jistenna b'interess l-għeluq proviżorju ta' aktar kapitoli mill-aktar fis possibbli, meta jiġu ssodisfatti l-kundizzjonijiet. Abbażi tal-progress ġenerali miksub mill-Montenegro, il-Kunsill jiddeċiedi li jiġi stabbilit il-Grupp ta' Ħidma Ad hoc dwar l-Abbozzar tat-Trattat tal-Adeżjoni mal-Montenegro. F'dan ir-rigward u bħala kwistjoni prijoritarja, il-Kunsill jistenna b'interess il-ħidma preparatorja meħtieġa biex jiġi żgurat l-operat effettiv tal-Grupp ta' Ħidma Ad hoc mal-istabbiliment tiegħu, inkluż dwar il-kjarifika tal-prinċipji ewlenin tat-trattati ta' adeżjoni futuri.
- li l-Albanija issa fetħet is-sitt ġabriet ta' negozjati kollha u qed tavvanza fin-negozjati tal-adeżjoni tagħha.
- it-tlestija b'suċċess u f'waqtha tal-proċess ta' skrinjar mill-Ukrajna u mir-Repubblika tal-Moldova (minn hawn 'il quddiem: il-Moldova) u jieħu nota sew tal-valutazzjoni tal-Kummissjoni li s-sitt ġabriet kollha huma lesti li jinfetħu. Il-Kunsill jistenna b'interess il-ftuħ tal-ġabriet maż-żewġ kandidati, li jibda mingħajr dewmien bil-ġabriet tal-oqsma fundamentali u jiġu segwiti mill-ġabriet l-oħra, f'konformità mal-metodoloġija u l-oqfsa ta' negozjar. Il-Kunsill qed iwettaq ħidma bil-ħsieb tat-tnejn tal-passi li jmiss.

- ir-riformi relatati mal-UE tas-sħab li ppermettew li jiġi żborżat appoġġ finanzjarju addizzjonali bla preċedent issa permezz tal-Faċilita għall-Ukrajna u l-Pjanijiet ta' Tkabbir għall-Balkani tal-Punent u għall-Moldova.
10. Il-Kunsill jilqa' l-benefiċċji konkreti ġodda li ġġib magħha l-integrazzjoni gradwali, filwaqt li tippreserva bis-sħiħ l-integrità tas-suq intern tal-UE u kundizzjonijiet ekwivalenti. Jistenna b'interess, b'mod partikolari:
- Li l-Ukrajna u l-Moldova jingħaqdu maż-żona tar-"Roaming daqslikieku fpajjizek" mill-1 ta' Jannar 2026, li tippermetti li-ċittadini tagħhom jagħmlu telefonati lejn, minn u fl-Unjoni Ewropea u ż-Żona Ekonomika Ewropea u jużaw data mobbli mingħajr tariffi addizzjonali.
  - Li s-sħab tal-Balkani tal-Punent jilħqu l-istess għan fl-2026. Il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni biex tħaffef il-ħidma għal dan l-għan.
  - Il-kostijiet ferm aktar baxxi tat-tranżazzjonijiet bankarji feuro kemm għaċ-ċittadini kif ukoll għan-negozji, bħala riżultat tas-sħubija tal-Montenegro, is-Serbja, l-Albanija, il-Maċedonja ta' Fuq u l-Moldova fiż-Żona Unika ta' Pagamenti bl-Euro (SEPA), bi sħab oħra li mistennija jissieħbu dalwaqt.
11. Il-Kunsill jibqa' impenjat li jipprovdi lill-kandidati perkors ċar u prevedibbli għas-sħubija fl-UE, inkluż permezz ta' simplifikazzjoni fil-qafas tal-metodoloġija stabbilita. F'dan ir-rigward, huwa jenfasizza l-valur tal-organizzazzjoni ta' konferenzi politiċi intergovernattivi.

Il-Kunsill jieħu nota kif jixraq tal-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni tal-4 ta' Novembru 2025 dwar il-Politika tat-Tkabbir tal-UE li tinkludi r-rapporti dwar il-Montenegro, l-Albanija, l-Ukrajna, ir-Repubblika tal-Moldova (minn hawn 'il quddiem: il-Moldova), is-Serbja, il-Maċedonja ta' Fuq, il-Bożnija-Herzegovina, il-Kosovo\*, it-Turkija u l-Georgia.

## **MONTENEGRO**

1. Il-Kunsill jilqa' l-progress sinifikanti tal-Montenegro fil-perkors tiegħu lejn ir-riforma b'rabta mal-UE u jfaħħar lill-gvern għad-determinazzjoni tiegħu li jimplementa r-riformi. Jinnota l-progress ġenerali li sar s'issa fin-negozjati tal-adeżjoni, b'kull wieħed mit-33 kapitolu skrinjat miftuħa u 12-il kapitolu magħluqa proviżorjament. Il-Kunsill jinkoraġġixxi lill-gvern isegwi l-pjan ambizzjuż tiegħu biex in-negozjati tal-adeżjoni jingħalqu b'suċċess. Il-Kunsill iħeġġeġ lill-forzi politiċi kollha jżommu l-kunsens politiku wiesa' tagħhom u jżidu l-isforzi tagħhom u jaħdmu flimkien biex jiżguraw aktar progress. Il-Kunsill jafferma mill-ġdid l-appoġġ tiegħu għat-tkomplija tal-progress mill-Montenegro fil-perkors tiegħu lejn l-UE u jistenna b'interess li jagħlaq proviżorjament aktar kapitoli meta jiġu sodisfatti l-kundizzjonijiet.
2. Il-Kunsill iħeġġeġ lill-Montenegro jkompli javvanza fl-implimentazzjoni tiegħu tal-**parametri referenzjarji għall-għeluq**, b'mod partikolari għall-kapitoli 23 u 24 dwar l-istat tad-dritt.

---

\* Dan l-isem huwa mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u huwa konformi mal-UNSCR 1244/1999 u l-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-dikjarazzjoni tal-indipendenza tal-Kosovo.

3. Il-Montenegro jeħtiegħ li jkompli javvanza fil-perkors ta' riforma tiegħu, b'mod partikolari fir-rigward tal-ġudikatura, il-libertà tal-espressjoni, il-libertà tal-media, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata, u l-amministrazzjoni pubblika. L-UE tistenna li l-Montenegro jqawwi b'mod ġenerali l-kapaċità amministrattiva tiegħu. Il-Kunsill jinnota li l-ġhadd ta' kundanni finali f'kawżi ta' korruzzjoni ta' livell għoli għadu baxx u jenfazizza l-ħtieġa li l-Montenegro jtejjeb ir-rekord tiegħu fir-rigward tal-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet f'kawżi ta' korruzzjoni ta' livell għoli u kriminalità organizzata, filwaqt li jiżgura kundanni finali, pieni dissuazivi, u sekwestru u konfiska tal-assi. Il-Kunsill jappella lill-Montenegro jallinja aktar il-leġiżlazzjoni elettorali tiegħu mal-acquis tal-UE u l-istandards Ewropej, b'mod partikolari dwar il-finanzjament ta' entitajiet politiċi u kampanji elettorali.
4. Il-Kunsill iħeġġeġ ukoll lill-Montenegro jiżgura li l-korpi ġudizzjarji ewlenin ikomplu jiffunzjonaw u biex jaċċellera u japprofondixxi l-implimentazzjoni tar-**riformi ġudizzjarji** ewlenin, biex jiżgura aktar tisħiħ tal-indipendenza, il-professjonaliżmu u r-responsabbiltà tal-ġudikatura. Il-Montenegro jeħtiegħ li jikkonkludi malajr il-ħatriet pendenti għal pożizzjonijiet vakanti permezz ta' proċess ta' konsultazzjoni trasparenti u inklużiv, kif ukoll proċeduri bbażati fuq il-mertu.
5. Il-Kunsill jirrikonoxxi l-progress tajjeb li sar fil-ġestjoni tal-ażil u l-**migrazzjoni**, filwaqt li jafferma mill-ġdid il-ħtieġa għal allinjament rapidu u sħiħ mal-politika tal-UE dwar il-viżi.
6. Dwar il-**kriterji ekonomiċi**, il-Kunsill jilqa' bi pjaċir it-tkabbir kostanti tal-ekonomija, l-istabbiltà tas-setturi bankarji u finanzjarji u t-titjib fis-suq tax-xogħol. Il-Kunsill jissottolinja l-importanza li tiġi protetta l-indipendenza tal-Bank Ċentrali u l-ħatriet trasparenti u imparzjali tal-membri tal-bord u jilqa' l-ħatra reċenti tal-viċi gvernaturi. Il-Kunsill iħeġġeġ lill-Montenegro jkompli jimplementa r-riformi strutturali neċessarji, inaqas id-dejn pubbliku u jkompli bl-isforzi tiegħu biex isaħħaħ il-governanza fiskali u t-trasparenza.

7. Il-Kunsill jibqa' impenjat għal aktar progress fl-integrazzjoni gradwali tal-Montenegro fis-suq intern tal-UE, abbażi, fost l-oħrajn, ta' implimentazzjoni msaħħa tal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni. Il-Kunsill jilqa' l-implimentazzjoni li għaddejja tal-**Pjan ta' Tkabbir** għall-Balkani tal-Punent fil-Montenegro, li jinsab fit-triq it-tajba biex iwassal benefiċċji konkreti liċ-ċittadini. Jieħu nota pożittiva tal-ewwel żewġ pagamenti parzjali taħt il-Faċilità għar-Riforma u t-Tkabbir u jħeġġeġ lill-Montenegro jkompli l-implimentazzjoni tal-Aġenda ta' Riforma tiegħu.
8. Il-Kunsill jinnota li r-**relazzjonijiet tajbin ta' viċinat** u l-kooperazzjoni reġjonali jibqgħu elementi essenzjali tal-proċess ta' tkabbir, kif ukoll tal-Proċess ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni.
9. Il-Kunsill ifaħħar bil-qawwa lill-Montenegro għall-kooperazzjoni konsistenti tiegħu dwar kwistjonijiet ta' politika barranija, u l-allinjament sħiħ, sod u li ilu jeżisti min-naħa tiegħu mal-**PESK tal-UE**, inkluż dwar il-miżuri restrittivi tal-UE – sinjal qawwi tal-impenn strateġiku tal-Montenegro fil-perkors tiegħu lejn l-UE. Huwa jilqa' wkoll it-tkomplija tal-parteċipazzjoni attiva tal-Montenegro f'missjonijiet u operazzjonijiet tal-UE skont il-PSDK u l-interess tiegħu li jsaħħaħ tali kooperazzjoni. Id-Djalogu ta' Livell Għoli dwar is-Sigurtà u d-Difiża bejn l-UE u l-Montenegro joffri pjattaforma flessibbli għal kooperazzjoni aktar profonda u prattika.

## ALBANIJA

10. Il-Kunsill jilqa' l-progress sinifikanti miksub mill-Albanija, li wassal għall-ftuħ tal-ġabriet kollha ta' negozjar. Il-Kunsill jilqa' l-pjan ambizzjuż tal-gvern għall-għeluq b'suċċess tan-negozjati tal-adeżjoni u jħeġġeġ lill-forzi politiċi u lill-partijiet ikkonċernati kollha jżidu l-isforzi tagħhom u jaħdmu flimkien biex jiżguraw aktar progress.
11. Il-Kunsill ifakkar fir-rwol essenzjali tal-**parlament** tal-Albanija fid-dibattitu u l-adozzjoni ta' riformi relatati mal-UE u fl-iżguraw li dawn ikunu bbażati fuq proċess inklużiv, kostruttiv u trasparenti.

12. Il-Kunsill jissottolinja li l-progress fil-**ġabra tal-elementi fundamentali** ser jiddetermina r-ritmu ġenerali tan-negozjati. Il-Kunsill iħeġġeġ lill-Albanija tintensifika r-riforma dwar l-elementi fundamentali, b'mod partikolari biex tlesti t-twettiq tal-**parametri referenzjarji interim** dwar il-kapitoli 23 u 24 dwar l-istat tad-dritt, li jippermettu lill-Albanija tibda tagħlaq proviżorjament il-kapitoli ta' negozjar. L-Albanija għandha wkoll iżżid il-**ħidma** biex tilħaq il-**parametri referenzjarji għall-għeluq** fil-kapitoli kollha ta' negozjar.
13. Fil-qasam tal-**elementi fundamentali**, inkluż **l-istat tad-dritt**, il-Kunsill jinnota b'mod pożittiv it-tkomplija tal-implimentazzjoni mill-Albanija tar-riforma tal-**ġustizzja** u jissottolinja l-**ħtieġa** li jinżammu l-integrità u r-responsabbiltà tal-**ġudikatura** billi jiġu applikati l-istandards għoljin stabbiliti mill-iskrutinju. Il-Kunsill jissottolinja l-**importanza** tal-indipendenza tal-**ġudikatura**, inkluż l-Istruttura Speċjalizzata Kontra l-Korruzzjoni u l-Kriminalità Organizzata (SPAK), u tat-tisħiħ ulterjuri tar-reżiljenza tas-sistema **ġudizzjarja** kontra l-interferenza interna jew esterna. Il-Kunsill ifakkar ukoll fl-**importanza** li l-Albanija tiżgura protezzjoni **ġudizzjarja** effettiva u implimentazzjoni konsistenti tas-sentenzi tal-qorti. Il-Kunsill jilqa' l-progress li għamlet l-Albanija fil-**ġlieda** kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata, u jistedinha tkompli tibni rekord sod u ssaħħaħ il-kapaċitajiet tagħha fl-indirizzar ta' dawk il-kwistjonijiet. Il-Kunsill jilqa' r-riżultati tajbin diġà miksuba minn SPAK u l-qrati tagħha, inkluż f'kawżi ta' korruzzjoni ta' livell għoli. Il-Kunsill jilqa' wkoll il-kooperazzjoni tajba mal-aġenziji tal-infurzar tal-liġi tal-UE u tal-Istati Membri, li għandha tkompli, inkluż il-kooperazzjoni dwar l-investigazzjonijiet finanzjarji. Il-Kunsill jafferma mill-**ġdid** li kontrolli msaħħa u kapaċitajiet konsolidati għall-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE huma importanti.

14. Il-Kunsill jilqa' l-progress li sar, inkluż bl-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni dwar id-drittijiet ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi nazzjonali fl-oqsma tal-awtoidentifikazzjoni u l-użu ta' lingwi minoritarji, dwar il-protezzjoni tad-data personali u dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri. Ifakkar fl-importanza li l-Albanija tkompli ssaħħaħ il-protezzjoni tad-**drittijiet fundamentali**. Il-libertà tal-media u l-libertà tal-espressjoni jeħtieġ li jissaħħaħ. Jeħtieġ li l-Albanija tkompli żżid l-isforzi tagħha biex issaħħaħ il-pluraliżmu u l-indipendenza tal-media, inkluż billi tiżgura d-dekriminalizzazzjoni sħiħa tal-malafama, iżżid it-trasparenza tas-sjieda u l-finanzjament tal-media u tiżgura ambjent sikur u sigur għall-ġurnalisti. Il-Kunsill jissottolinja l-importanza tal-promozzjoni tad-drittijiet tat-tfal, kif ukoll l-implimentazzjoni effettiva tal-leġiżlazzjoni sekondarja dwar il-minoranzi, l-implimentazzjoni ta' riforma komprensiva tas-settur tal-art u l-konsolidazzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà b'mod trasparenti u kredibbli f'konformità mal-Pożizzjoni Komuni tal-UE dwar il-Ġabra 1. Ir-rwol tas-soċjetà ċivili wkoll jeħtieġ li jissaħħaħ aktar u li l-konsultazzjonijiet sinifikattivi jiġu rinforzati.
15. Il-Kunsill jinnota li l-elezzjonijiet parlamentari tal-11 ta' Mejju 2025 kienu kompetittivi, minkejja n-nuqqasijiet identifikati, li jeħtieġ li jiġu indirizzati. B'dan il-ħsieb, il-Kunsill jappella għal **riforma elettorali** komprensiva b'mod inklużiv u f'waqtu, f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-OSKE/ODIHR u tal-Kummissjoni ta' Venezja.
16. Il-Kunsill jirrikonoxxi l-progress li sar dwar il-**migrazzjoni** u l-ġestjoni tal-fruntieri, filwaqt li jissottolinja l-importanza ta' aktar progress fit-titjib tas-sistemi u l-proċeduri ta' akkoljenza għall-ażil kif ukoll allinjament rapidu u sħiħ mal-politika tal-UE dwar il-viżi.
17. Dwar il-**kriterji ekonomiċi**, il-Kunsill jilqa' l-livell tajjeb ta' tħejjija tal-Albanija fl-iżvilupp ta' ekonomija tas-suq li tiffunzjona. Iħeġġeġ lill-Albanija tintensifika l-isforzi biex tавvanza l-kapaċità tagħha li tlaħħaq mal-pressjoni kompetittiva u l-forzi tas-suq fl-UE u timplimenta r-riformi strutturali meħtieġa b'mod sostenibbli.

18. Il-Kunsill jibqa' impenjat għal aktar progress fl-integrazzjoni gradwali tal-Albanija fis-suq intern tal-UE, abbażi, fost l-oħrajn, ta' implimentazzjoni msaħħa tal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni. Il-Kunsill jilqa' l-implimentazzjoni li għaddejja tal-**Pjan ta' Tkabbir** għall-Balkani tal-Punent fl-Albanija, li jinsab fit-triq it-tajba biex iwassal benefiċċji konkreti liċ-ċittadini. Jieħu nota pożittiva tal-ewwel żewġ pagamenti parzjali taħt il-Faċilità għar-Riforma u t-Tkabbir u jħeġġeġ lill-Albanija tkompli l-implimentazzjoni tal-Aġenda ta' Riforma tagħha.
19. Il-Kunsill jilqa' t-tkomplija tal-involviment kostruttiv tal-Albanija fil-**kooperazzjoni multilaterali u reġjonali**. Il-Kunsill jinnota li r-**relazzjonijiet tajbin ta' viċinat** u l-kooperazzjoni reġjonali jibqgħu elementi essenzjali tal-proċess ta' tkabbir, kif ukoll tal-Proċess ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni.
20. Il-Kunsill ifaħħar bil-qawwa lill-Albanija għall-kooperazzjoni konsistenti tagħha dwar kwistjonijiet ta' politika barranija, u l-allinjament sħiħ, sod u li ilu jeżisti min-naħa tagħha mal-**PESK tal-UE**, inkluż dwar il-miżuri restrittivi tal-UE – sinjal qawwi tal-impenn strateġiku tal-Albanija fil-perkors tagħha lejn l-UE. Il-Kunsill jilqa' wkoll it-tkomplija tal-parteċipazzjoni attiva tal-Albanija fil-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-UE skont il-PSDK u r-rieda li ssaħħaħ il-kooperazzjoni fil-qafas tas-Sħubija għas-Sigurtà u d-Difiża mal-UE.

## **UKRAJNA**

21. Il-Kunsill itenni l-kundanna qawwija tiegħu tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, li tikkostitwixxi ksur ċar tal-Karta tan-NU, u jfakkar fl-appoġġ sod tal-Unjoni Ewropea għall-indipendenza, is-sovranità u l-integrità territorjali tal-Ukrajna fil-fruntieri rikonoxxuti internazzjonalment tagħha u għad-dritt inerenti tagħha li tiddefendi ruħha kontra l-aggressjoni Russa. L-UE ser tkompli ttiprovdi appoġġ komprensiv, politiku, finanzjarju, ekonomiku, umanitarju, militari u diplomatiku lill-Ukrajna u lill-poplu tagħha sakemm ikun hemm bżonn.

22. Il-Kunsill jinnota li l-appoġġ militari kollu kif ukoll il-garanziji tas-sigurtà għall-Ukrajna ser jingħataw b'rispett sħiħ tal-politika ta' sigurtà u difiża ta' ċerti Stati Membri u b'kont meħud tal-interessi ta' sigurtà u ta' difiża tal-Istati Membri kollha.
23. Il-Kunsill ifaħħar lill-Ukrajna għall-impenn qawwi u l-ħidma soda tagħha fuq riformi relatati mal-adeżjoni fl-aktar ċirkostanzi diffiċli. Il-Kunsill jilqa' t-tlestija b'suċċess u rapida tal-proċess ta' skrinjar u jieħu nota kif jixraq tal-valutazzjoni tal-Kummissjoni li s-sitt għabriet kollha huma lesti biex jinfetħu. Il-Kunsill jieħu nota kif jixraq tal-adozzjoni mill-Ukrajna tal-pjanijiet direzzjonali dwar l-istat tad-dritt, dwar l-amministrazzjoni pubblika u dwar l-istituzzjonijiet demokratiċi, kif ukoll pjan ta' azzjoni dwar il-minoranzi nazzjonali, kollha vvalutati b'mod pożittiv mill-Kummissjoni. Il-Kunsill jistenna b'interess il-ftuħ tal-għabriet, li jibda mingħajr dewmien bil-għabriet tal-oqsma fundamentali u jiġu segwiti mill-għabriet l-oħra, f'konformità mal-metodoloġija tat-tkabbir u l-qafas ta' negozjar. Il-Kunsill qed iwettaq ħidma bil-ħsieb tat-tħejjija tal-passi li jmiss.
24. L-UE tkompli **tappoġġa** l-ħtiġijiet umanitarji tal-Ukrajna, kif ukoll it-tiswija, l-irkupru u r-rikostruzzjoni.
25. Il-Kunsill jinnota t-tkomplija tal-isforzi tal-Ukrajna fit-tisħiħ tal-**istat tad-dritt**, u fil-progress tar-**riformi għudizzjarji** u tal-**amministrazzjoni pubblika** li jibqgħu essenzjali biex tavvanza fit-triq lejn l-UE. L-indipendenza, l-imparzjalità u l-integrità tal-ġudikatura jibqgħu kruċjali. Il-Kunsill jissottolinja wkoll il-ħtieġa li l-Ukrajna tkompli timla l-pożizzjonijiet vakanti fil-Qorti Kostituzzjonali permezz ta' proċess ta' għażla trasparenti u bbażat fuq il-mertu mingħajr aktar dewmien u tiżgura l-funzjonalità u l-kapaċità amministrattiva tal-Qorti.
26. Il-Kunsill jenfasizza l-importanza li jkomplu proċessi ta' għażla u skrutinju trasparenti u bbażati fuq il-mertu fil-ġudikatura kollha, inkluż it-titjib tal-proċedura tal-għażla u l-kontrolli tal-integrità għall-Qorti Suprema. F'dan il-kuntest, il-Kunsill jissottolinja l-importanza tal-involvement temporanju sinifikattiv ta' esperti indipendenti nominati minn sħab internazzjonali.

27. Dwar il-**ġlieda kontra l-korruzzjoni**, il-Kunsill jenfasizza l-importanza ta' istituzzjonijiet indipendenti u effettivi kontra l-korruzzjoni u jilqa' r-rettifika leġiżlattiva f'Lulju 2025 li reġgħet daħħlet l-awtonomija u l-indipendenza proċedurali tal-Uffiċċju Nazzjonali Kontra l-Korruzzjoni tal-Ukrajna (NABU) u l-Uffiċċju tal-Prosekutur Speċjalizzat Kontra l-Korruzzjoni (SAPO), filwaqt li jfakkar li xi dispożizzjonijiet għadhom iridu jiġu indirizzati. Il-Kunsill ser jibqa' viġilanti dwar din il-kwistjoni u jenfasizza l-ħtieġa li jiġi żgurat li fil-futur, l-ebda interferenza legali jew politika ma għandu jkollha impatt fuq il-ħidma ta' dawn l-istituzzjonijiet. Il-Kunsill jinnota b'mod pożittiv ir-riżultati miksuba min-NABU u s-SAPO fl-2025, inkluż għadd sinifikanti ta' investigazzjonijiet, b'mod partikolari f'kawżi ta' korruzzjoni ta' livell għoli. Iħeġġeġ bil-qawwa lill-Ukrajna tkompli bl-isforzi tagħha biex tkompli ttejjeb ir-rekord u l-kapaċitajiet tagħha f'dan il-qasam. F'dan il-kuntest, jilqa' wkoll l-adozzjoni reċenti mill-Ukrajna tal-liġi dwar ir-riforma tal-Aġenzija għall-Irkupru u l-Ġestjoni tal-Assi (ARMA) u jistenna b'interess l-implimentazzjoni rapida tagħha. Il-Kunsill jissottolinja l-importanza tat-tlestija f'waqtha tal-għażla u l-ħatra ta' mħallfin addizzjonali għall-Qorti Superjuri Kontra l-Korruzzjoni, wara proċedura kredibbli.
28. Il-Kunsill jilqa' t-tkomplija tal-impenn tal-Ukrajna li tippromwovi u tipproteġi d-**drittijiet fundamentali**, u jinnota t-tiħiħ ulterjuri tal-qafas leġiżlattiv u istituzzjonali f'dan il-qasam. Inċidenti ta' allegata pressjoni politika fuq attivisti kontra l-korruzzjoni, difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jeħtieġ li jiġu mmonitorjati u indirizzati. Il-Kunsill jieħu nota kif jixraq tal-emendi ulterjuri adottati biex jissaħħaħ il-qafas leġiżlattiv dwar il-protezzjoni tad-drittijiet ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi nazzjonali. L-implimentazzjoni ta' din il-leġiżlazzjoni kif ukoll l-impenn meħud mill-Ukrajna għandhom jitkomplew, f'konformità mal-Qafas ta' Negozjar. Il-Kunsill iħeġġeġ lill-Ukrajna ssaħħaħ, fost l-oħrajn, xenarju trasparenti, pluralistiku u indipendenti tal-media, il-protezzjoni tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, u l-infurzar tad-drittijiet ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi.
29. Jeħtieġ li jissaħħu l-isforzi fil-**ġlieda kontra l-manipulazzjoni tal-informazzjoni** u l-interferenza minn barranin.

30. Dwar il-**kriterji ekonomiċi**, il-Kunsill ifaħħar lill-Ukrajna għall-istabbiltà makroekonomika sostnuta tagħha u l-progress tagħha fir-riformi fiskali u tal-amministrazzjoni pubblika, li jeħtieġ li jitmexxew 'il quddiem, u jistieden lill-Ukrajna tkompli timplimenta l-prinċipji tal-OECD dwar il-governanza korporattiva. Filwaqt li jilqa' l-progress tajjeb li sar lejn l-istabbiliment ta' ekonomija tas-suq li tiffunzjona, il-Kunsill ihegġegħ lill-Ukrajna tintensifika l-isforzi tagħha biex tavvanza l-kapaċità tagħha li tlaħħaq mal-pressjoni kompetittiva u l-forzi tas-suq fl-UE. Il-Kunsill jilqa' l-implimentazzjoni li għaddejja tal-Pjan għall-Ukrajna bħala parti mill-**Faċilità għall-Ukrajna**, jieħu nota pożittiva tal-kontribut deċiżiv tiegħu għar-riformi implimentati s'issa, inkluż dawk meħtieġa għall-adeżjoni tal-Ukrajna mal-UE, u l-iżborż ta' fondi korrispondenti, u jfakkar fil-ħtieġa li jitkomplew l-isforzi ta' riforma f'dan ir-rigward.
31. Filwaqt li jfakkar fl-appoġġ persistenti tiegħu, il-Kunsill ifaħħar l-isforzi tal-Ukrajna biex issaħħaħ is-sigurtà tal-**enerġija**, ir-reżiljenza u l-indipendenza tal-provvista tagħha fl-aktar ċirkostanzi diffiċli, iffaċċati bl-attakki intensifikati tar-Russja kontra l-infrastruttura tal-enerġija u ċivili tal-Ukrajna. Jinnota l-importanza li tiġi żviluppata l-konnettività tal-enerġija għat-tisħiħ tar-reżiljenza tas-settur tal-enerġija tal-Ukrajna u għall-integrazzjoni fis-suq tal-enerġija tal-UE. Issa huma meħtieġa sforzi konġunti urġenti biex jgħinu fl-indirizzar tal-ħtiġijiet immedjati u biex isaħħu s-sistema tal-enerġija tal-Ukrajna wara l-attakki.
32. Il-Kunsill jibqa' impenjat li jkompli javvanza l-**integrazzjoni gradwali** tal-Ukrajna fis-suq intern tal-UE, abbażi ta' implimentazzjoni msaħħa tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni UE-Ukrajna inkluż iż-Żona ta' Kummerċ Ħieles Approfondita u Komprensiva.
33. Il-Kunsill ifaħħar bil-qawwa lill-Ukrajna għall-kooperazzjoni konsistenti tagħha dwar kwistjonijiet ta' politika estera u ta' sigurtà, u t-tkomplija tal-isforzi tagħha lejn allinjament sħiħ mal-**PESK tal-UE**, inkluż dwar miżuri restrittivi, f'konformità mal-prinċipji ta' sovranità u integrità territorjali tal-istati kollha. Il-livell għoli ħafna ta' allinjament tal-Ukrajna jikkostitwixxi sinjal qawwi tal-impenn strateġiku tal-Ukrajna fit-triq tagħha lejn l-UE. Il-Kunsill jilqa' l-kooperazzjoni tal-Ukrajna fil-prevenzjoni taċ-ċirkomvenzjoni tas-sanzjonijiet kontra r-Russja u l-Belarusja u l-parteeċipazzjoni attiva tagħha fil-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-UE taħt il-PSDK.

## MOLDOVA

34. Il-Kunsill ifaħħar lill-Moldova għall-impenn qawwi u l-ħidma soda tagħha fuq riformi relatati mal-adeżjoni minkejja ċ-ċirkostanzi diffiċli kkawżati mill-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u l-attakki ibridi mmirati speċjalment lejn il-Moldova kif ukoll il-kriżi reċenti tal-enerġija.
35. Il-Kunsill jilqa' t-tlestija b'suċċess u rapida tal-proċess ta' skrinjar u jieħu nota kif jixraq tal-valutazzjoni tal-Kummissjoni li s-sitt ġabriet kollha huma lesti biex jinfetħu. Il-Kunsill jieħu nota kif jixraq tal-adozzjoni mill-Moldova tal-pjanijiet direzzjonali dwar l-istat tad-dritt, dwar l-amministrazzjoni pubblika u dwar l-istituzzjonijiet demokratiċi, kollha vvalutati b'mod pożittiv mill-Kummissjoni. Il-Kunsill jistenna b'interess il-ftuħ tal-ġabriet, li jibda mingħajr dewmien bil-ġabriet tal-oqsma fundamentali u jiġu segwiti mill-ġabriet l-oħra, f'konformità mal-metodoloġija tat-tkabbir u l-qafas ta' negozjar. Il-Kunsill qed iwettaq ħidma bil-ħsieb tat-tnejjija tal-passi li jmiss.
36. Il-Kunsill jilqa' l-mandat politiku mġedded u msaħħaħ miksub mill-awtoritajiet tal-Moldova wara r-referendum dwar is-sħubija fl-UE li sar fl-20 ta' Ottubru 2024 u l-elezzjonijiet parlamentari reċenti li jaffer maw mill-ġdid l-aspirazzjonijiet Ewropej tal-poplu tal-Moldova kif ukoll l-impenn tal-Moldova għall-perkors tagħha lejn l-UE u għat-tkomplija tar-riformi relatati mal-UE. Il-Kunsill ifaħħar ir-reżiljenza murija mill-istituzzjonijiet demokratiċi tal-Moldova fl-organizzazzjoni ta' elezzjonijiet ġestiti tajjeb f'kundest diffiċli, inkluż l-indħil intensifikat minn barranin, id-diżinformazzjoni u ċ-ċiberattakki, b'mod partikolari mir-Russja. Il-Kunsill jieħu nota tat-tagħlimiet meħuda minn dawn l-attakki, li jibqgħu theddida għall-fiduċja demokratika u l-pluraliżmu tal-media u ser ikompli jappoġġa lill-Moldova f'dan il-qasam.

37. Dwar l-**elementi fundamentali**, il-Kunsill jissottolinja l-importanza li jinżamm il-pass tar-riformi, b'mod partikolari fl-oqsma tal-istat tad-dritt, il-ġustizzja, is-sigurtà u d-drittijiet fundamentali, inkluż id-drittijiet ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi. Jilqa' l-approċċ inklużiv tal-Moldova għall-implimentazzjoni tar-riformi, bl-involviment tas-soċjetà ċivili, is-settur privat, u r-rappreżentanti tad-dijaspora. Il-Kunsill jilqa' wkoll it-talba tal-Moldova biex tingħaqad mal-Aġenzija tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali (FRA), li tirrifletti l-impenn tagħha li tkompli tallinja l-protezzjoni u l-promozzjoni tagħha tad-drittijiet fundamentali mal-istandards tal-UE.
38. Filwaqt li tibni fuq il-progress sinifikanti li diġà nkiseb, il-Moldova għandha tkompli tavvanza r-**riforma komprensiva tal-ġustizzja** tagħha, inkluż il-finalizzazzjoni tal-iskrutinju u l-ħatra tal-imħallfin u l-prosekuturi, u t-tisħiħ tal-indipendenza u l-integrità tal-ġudikatura, li wassal għal rekord pożittiv ta' investigazzjonijiet, prosekuzzjonijiet u sentenzi finali fil-livelli kollha. Il-Kunsill ihegġegħ lill-Moldova ttejjeb il-funzjonament tal-Awtorità Nazzjonali għall-Integrità (NIA) biex tivverifika b'mod effettiv l-assi u l-interessi personali ta' uffiċjali pubbliċi ta' livell għoli.
39. Il-Kunsill ihegġegħ lill-Moldova tkompli tiġġieled il-**korruzzjoni**, iżżid il-kapaċità ta' prosekuzzjoni u ttejjeb l-indipendenza ġudizzjarja. Il-Kunsill jilqa' l-ġlieda tal-Moldova kontra l-finanzjament illeċitu, kif ukoll l-enfasi tagħha fuq il-ħolqien ta' rekord solidu ta' investigazzjonijiet, prosekuzzjonijiet u kundanni, inkluż f'kawżi ta' livell għoli. Ifaħħar l-approċċ sistemiku tal-Moldova għad-deoligarkizzazzjoni u jhegġegħ it-tkomplija tal-implimentazzjoni tal-azzjonijiet relatati. Il-Kunsill jinnota wkoll l-impenn tal-awtoritajiet li jindirizzaw il-ħasil tal-flus, inkluż permezz ta' kooperazzjoni msaħħa mat-Task Force ta' Azzjoni Finanzjarja tal-UE u l-użu ta' għodod teknoloġiċi ġodda inkluż matul perjodi elettorali. Il-Kunsill jilqa' l-isforzi tal-Moldova biex issaħħaħ l-amministrazzjoni pubblika u l-ġestjoni tal-finanzi, inkluż ir-riforma tal-gvern lokali. Jinkoraġġixxi titjib kontinwu fil-kapaċità amministrattiva fl-istituzzjonijiet ewlenin.

40. Il-Kunsill ifaħħar ir-reżiljenza tal-Moldova fil-konfront tal-attakki **ibridi** bla preċedent tar-Russja, u jikkonferma mill-ġdid it-tkomplija tal-appoġġ mill-UE, inkluż permezz tal-Missjoni ta' Sħubija tal-UE fil-Moldova. Jilqa' l-isforzi proattivi tal-Moldova biex tiġġieled id-diżinformazzjoni, inkluż l-iżvilupp ta' strateġija ta' komunikazzjoni nazzjonali u approċċi innovattivi u bbażati fil-komunità biex jiġu involuti atturi lokali bħall-bdiewa, l-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh, u l-mexxejja reliġjużi. Il-Kunsill jinkoraġġixxi t-tkomplija tal-involviment f'Gagauzia, u jfakkar fl-importanza tal-ġlieda kontra d-diżinformazzjoni u l-promozzjoni ta' komunikazzjoni inklużiva u oġġettiva dwar l-integrazzjoni fl-UE fil-livell lokali. Il-Kunsill iħeġġeġ lill-Moldova tkompli dawn l-isforzi inklużivi biex issaħħaħ ir-reżiljenza tas-soċjetà, trawwem il-parteċipazzjoni tal-votanti, u tissalvagwarda l-libertà tal-espressjoni, inkluż billi tallinja l-liġi dwar l-investment strateġiku mal-istandards Ewropej.
41. Il-Kunsill ifaħħar il-progress kostanti tal-Moldova biex issaħħaħ is-sigurtà tal-**enerġija** u l-indipendenza tal-provvista tagħha. Il-Kunsill jinnota wkoll b'mod pożittiv l-impenn tal-Moldova li taċċellera **l-interkonnnessjonijiet tal-infrastruttura** biex tnaqqas il-vulnerabbiltajiet u ssaħħaħ ir-reżiljenza reġjonali. L-UE tinsab lesta li tkompli tappoġġa dan il-proċess.
42. Dwar il-**kriterji ekonomiċi**, il-Kunsill jilqa' l-livell tajjeb ta' thejjiġa li sar lejn l-istabbiliment ta' ekonomija tas-suq li tiffunzjona u jħeġġeġ lill-Moldova tintensifika l-isforzi tagħha biex tavvanza l-kapaċità tagħha biex tlaħħaq mal-pressjoni kompetittiva u l-forzi tas-suq fl-Unjoni. Il-Kunsill jissottolinja l-importanza li jitkomplew ir-riformi ekonomiċi trasformattivi u li tiġi approfondita l-kooperazzjoni settorjali mal-UE. Il-Kunsill jirrakkomanda li tiġi segwita politika fiskali li tiżgura s-sostenibbiltà tad-dejn. Dan jinkludi żieda fl-investimenti pubbliċi biex jiġi xprunat it-tkabbir ekonomiku, b'mod partikolari permezz tal-**Pjan ta' Tkabbir** għall-Moldova. Il-Kunsill jilqa' l-istabbiliment tal-Faċilità għar-Riforma u t-Tkabbir ta' EUR 1.9 biljun, parti minn dan il-Pjan ta' Tkabbir, u jieħu nota pożittiva tar-riformi implimentati s'issa u l-iżborż ta' fondi korrispondenti, u jfakkar fil-ħtieġa li jitkomplew l-isforzi ta' riforma f'dan ir-rigward.

43. Il-Kunsill jibqa' impenjat li jkompli javvanza l-**integrazzjoni gradwali** tal-Moldova fis-suq intern tal-UE, abbażi ta' implimentazzjoni msaħħa tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni UE-Moldova u ż-Żona ta' Kummerċ Ħieles Approfondita u Komprensiva. Jinkoraġġixxi ż-żieda fil-kapaċità tal-Aġenzija għall-Interventi u l-Pagamenti fl-Agrikoltura, u jappoġġa aktar koordinazzjoni tar-riformi bl-assistenza tal-UE.
44. L-UE tafterma mill-ġdid l-appoġġ qawwi u sod tagħha għas-sovranità u l-integrità territorjali tal-Moldova fil-fruntieri tagħha rikonoxxuti internazzjonalment u tibqa' impenjata bis-sħiħ li tappoġġa soluzzjoni komprensiva, paċifika u sostenibbli tal-konflitt Transnistrijan. Tappella lir-Russja biex tirtira l-forzi militari tagħha stazzjonati illegalment fit-territorju tal-Moldova.
45. Il-Kunsill ifaħħar bil-qawwa lill-Moldova għall-kooperazzjoni konsistenti tagħha dwar kwistjonijiet ta' politika estera u ta' sigurtà, u li komplet bl-isforzi tagħha lejn allinjament sħiħ mal-**PESK tal-UE**, inkluż dwar miżuri restrittivi, f'konformità mal-prinċipji ta' sovranità u integrità territorjali tal-istati kollha. Il-livell għoli ħafna ta' allinjament tal-Moldova jikkostitwixxi sinjal qawwi tal-impenn strateġiku tal-Moldova fit-triq tagħha lejn l-UE. Il-Kunsill jilqa' l-kooperazzjoni tal-Moldova fil-prevenzjoni taċ-ċirkomvenzjoni tas-sanzjonijiet kontra r-Russja u l-Belarużja u l-parteċipazzjoni attiva tagħha fil-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-UE taħt il-PSDK. Il-Kunsill jilqa' r-rieda tal-Moldova li ssaħħa il-kooperazzjoni fil-qafas tas-Sħubija għas-Sigurtà u d-Difiża mal-UE.

## **SERBJA**

46. Il-Kunsill jilqa' l-fatt li l-integrazzjoni fl-UE tibqa' l-għan strateġiku tas-Serbja u jistenna li s-Serbja tirrifletti dan b'mod aktar ċar kemm fl-azzjonijiet kif ukoll fil-kliem. Dan jinkludi l-wiri ta' rieda politika qawwija u konsistenza fl-implimentazzjoni tar-riformi relatati mal-UE, u l-komunikazzjoni oġġettiva u mhux ambigwa dwar l-UE. Filwaqt li r-riformi naqqsu b'mod sinifikanti matul is-sena li għaddiet, il-Kunsill jieħu nota ta' ċerti żviluppi pożittivi reċenti u jħeġġeġ lis-Serbja tkompli fuq din ix-xejra.

47. Il-Kunsill jinnota l-progress ġenerali li nkiseb s'issa fin-negozjati tal-adeżjoni, fejn infetħu 22 minn 35 kapitolu ta' negozjar, u żewġ kapitolu nġhalqu proviżorjament. Filwaqt li jirrikonoxxi l-valutazzjoni tal-Kummissjoni li s-Serbja żżomm il-livell ta' ttejjija tagħha dwar il-parametri referenzjarji għall-ftuħ fil-ġabra 3 (Kompetittività u tkabbir inklużiv), il-Kunsill ser jerġa' lura għall-kwistjoni tal-ftuħ tar-ġabra 3 f'konformità mal-qafas ta' negozjar, filwaqt li jfakkar b'mod partikolari l-ħtieġa ta' aktar progress sostanzjali mis-Serbja dwar l-istat tad-dritt u n-normalizzazzjoni tar-relazzjonijiet mal-Kosovo, li ser ikompli jiddetermina l-pass ġenerali tan-negozjati tal-adeżjoni.
48. Il-Kunsill jieħu nota tal-**protesti tal-massa** domestiċi kkawżati mill-kollass ta' kopertura esterna ta' stazzjon tal-ferrovija f'Novi Sad, li ħalla 16-il persuna mejta. Filwaqt li l-libertà ta' għaqda kienet ġeneralment żgurata, il-Kunsill ifakkar fil-ħtieġa li tissaħħaħ, u li tiġi żgurata s-sikurezza tal-ġurnalisti. Rapporti ta' vjolenza u użu eċċessiv tal-forza matul xi wħud minn dawk il-protesti jeħtieġu investigazzjonijiet imparzjali u bir-reqqa. Il-Kunsill jappella lis-Serbja biex tnaqqas it-tensjonijiet u tegħleb il-polarizzazzjoni profonda fis-soċjetà billi tistabbilixxi l-kundizzjonijiet għal djalogu inklużiv li jinvolvi lill-partijiet ikkonċernati kollha, inkluż is-soċjetà ċivili.
49. Il-Kunsill itenni l-importanza ġenerali tal-protezzjoni tad-**drittijiet fundamentali** kollha, inkluż il-libertà tal-media, il-libertà tal-espressjoni, il-protezzjoni tal-gruppi l-aktar vulnerabbli, kif ukoll it-trattament nondiskriminatorju ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi fis-Serbja kollha. Il-Kunsill jinnota b'dispaċir ir-rigress fil-libertà tal-espressjoni, filwaqt li jilqa' l-adozzjoni ta' emendi għal-leġiżlazzjoni dwar il-media, li l-implimentazzjoni tagħhom fil-kelma u l-ispirtu hija ta' importanza ewlenija. Filwaqt li jilqa' l-passi li ttieħdu s'issa, il-Kunsill jappella lis-Serbja biex tiffinalizza malajr il-ħatra tal-Kunsill tal-Awtorità Regulatorja għall-Media Elettronika (REM) b'mod inklużiv u trasparenti u biex tiżgura l-kapaċità tiegħu li jopera b'mod effettiv. Il-Kunsill jappella wkoll lis-Serbja b'mod attiv tipprevjeni u tindirizza l-forom kollha ta' diżinformazzjoni u manipulazzjoni tal-informazzjoni minn barranin, inkluż il-ġlieda kontra n-narrattivi kontra l-UE fil-media u l-komunikazzjoni pubblika. Is-Serbja jeħtieġ li tiżgura ambjent tassew abilitanti għas-soċjetà ċivili, il-media u l-libertà akkademika, u ssaħħaħ il-protezzjoni u s-sikurezza tal-ġurnalisti.

50. Is-Serbja għandha taċċellera r-riformi u tagħti riżultati konkreti u tanġibbli dwar l-**elementi fundamentali**, b'mod partikolari billi tiffoka fuq l-issodisfar tal-parametri referenzjarji interim tal-kapitoli 23 u 24 dwar l-istat tad-dritt. Il-Kunsill jinnota li ma sar l-ebda progress fuq il-ġudikatura u progress limitat fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata.
51. Il-Kunsill jilqa' l-adozzjoni tal-emendi għal-liġi dwar ir-reġistru unifikat tal-votanti u jenfasizza l-importanza tal-implimentazzjoni xierqa tiegħu, b'mod partikolari billi jiġi ffinalizzat l-awditu tar-reġistru tal-votanti. Il-Kunsill iħeġġeġ bil-qawwa lis-Serbja tindirizza r-rakkomandazzjonijiet li baqa' magħmula mill-korpi tal-OSKE/ODIHR u tal-Kunsill tal-Ewropa, inkluż dawk li jappartjenu għal aspetti ewlenin tal-**proċess elettorali**.
52. Il-Kunsill jilqa' t-tkomplija tal-progress li sar fil-ġestjoni tal-fruntieri u jappella lis-Serbja biex tallinja malajr mal-politika tal-UE dwar il-viżi. Il-Kunsill jinnota bi tħassib il-kisba ta' drittijiet tal-ivvjaġġar mingħajr viża lejn l-UE għal ċittadini tar-Russja billi jingħataw ċittadinanza Serba permezz ta' proċedura rapida, li toħloq riskju potenzjali għas-sigurtà għall-UE.
53. Dwar il-**kriterji ekonomiċi**, il-Kunsill jilqa' l-livell tajjeb ta' tħejjija tas-Serbja fl-iżvilupp ta' ekonomija tas-suq li tiffunzjona u jħeġġeġ lis-Serbja tintensifika l-isforzi tagħha biex tavvanza fil-kapaċità tagħha biex tlaħħaq mal-pressjoni kompetittiva u l-forzi tas-suq fl-UE u biex timplimenta r-riformi strutturali meħtieġa. Il-Kunsill jilqa' l-passi tas-Serbja biex tiddiversifika s-sorsi u r-rotot tal-enerġija tagħha.
54. Il-Kunsill jibqa' impenjat għal aktar progress fl-integrazzjoni gradwali tas-Serbja fis-suq intern tal-UE, abbażi, fost l-oħrajn, ta' implimentazzjoni msaħħa tal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni. Il-Kunsill jilqa' l-implimentazzjoni li għaddejja tal-**Pjan ta' Tkabbir** għall-Balkani tal-Punent fis-Serbja, li jinsab fit-triq it-tajba biex iwassal benefiċċji konkreti liċ-ċittadini. Huwa jieħu nota pożittiva tal-iżborż tal-prefinanzjament u jħeġġeġ lis-Serbja tkompli l-implimentazzjoni tal-Aġenda ta' Riforma tagħha bil-ħsieb tal-pagamenti li jmiss.

55. Il-Kunsill iħeġġeġ lis-Serbja biex issaħħa ir-**relazzjonijiet tajbin ta' viċinat** u tikkontribwixxi għall-istabbiltà u r-rikonċiljazzjoni mas-sħab kollha fir-reġjun. Filwaqt li jilqa' l-fatt li s-Serbja żammet l-impenn tagħha f'għadd ta' inizjattivi ta' kooperazzjoni reġjonali, għadhom meħtieġa sforzi deċiżivi biex jissolvew kwistjonijiet miruta b'għerq li jmorru lura fl-imgħoddi, f'konformità mad-dritt internazzjonali u l-prinċipji stabbiliti.
56. Il-Kunsill ikompli jissottolinja l-importanza ta' kooperazzjoni reġjonali sinifikattiva fit-**trattament domestiku ta' delitti tal-gwerra**, bis-soluzzjoni tal-każijiet li fadal ta' persuni neqsin u kooperazzjoni sħiħa mal-Mekkaniżmu Internazzjonali li Jeżerċita s-Setgħat Residwi tal-Qrati Kriminali. M'għandu jkun hemm l-ebda appoġġ għal kriminali tal-gwerra kkundannati u lanqas għall-glorifikazzjoni jew iċ-ċaħda tad-delitti tagħhom.
57. Il-Kunsill jilqa' ż-żieda inkrementali reċenti tas-Serbja fl-allinjament mal-PESK tal-UE iżda jtenni l-aspettattiva qawwija tiegħu li s-Serbja żżid l-isforzi tagħha lejn **allinjament** sħiħ, b'mod partikolari billi tallinja mal-miżuri restrittivi tal-UE kontra r-Russja u l-Belarusja meħuda fil-kuntest tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, bħala kwistjoni tal-akbar prijorità. Il-Kunsill jappella wkoll lill-awtoritajiet Serbi biex iżommu lura minn azzjonijiet u dikjarazzjonijiet li jmorru kontra l-pożizzjonijiet tal-UE dwar il-politika barranija u kwistjonijiet strateġiċi oħra. Il-Kunsill jilqa' l-assistenza tas-Serbja lill-Ukrajna u jħeġġeġ lis-Serbja biex tkompli bil-kooperazzjoni tagħha mal-UE dwar il-prevenzjoni taċ-ċirkonvenzjoni tal-miżuri restrittivi tal-UE. Il-Kunsill jilqa' bi pjaċir it-tkomplija tal-parteċipazzjoni attiva u tal-kontribut importanti tas-Serbja f'missjonijiet u operazzjonijiet tal-UE taħt il-PSDK tal-UE.
58. Il-Kunsill jafferma mill-ġdid l-appoġġ sħiħ tiegħu għad-Djalogu ffaċilitat mill-UE bejn Belgrad u Pristina dwar in-normalizzazzjoni tar-relazzjonijiet, immexxi mir-Rappreżentant Għoli u appoġġat mir-Rappreżentant Speċjali tal-UE.

59. Il-progress fil-perkors Ewropew rispettiv tagħhom jiddependi fuq l-isforzi li saru biex jiġu implimentati bis-sħiħ l-impenji kollha tagħhom mill-Ftehim tal-2023 dwar il-Perkors għan-Normalizzazzjoni u l-Anness ta' Implimentazzjoni tiegħu u l-ftehimiet kollha tal-passat mingħajr aktar dewmien jew prekondizzjonijiet. Iż-żewġ partijiet jinsabu f'riskju li jitilfu opportunitajiet importanti fin-nuqqas ta' progress fir-rigward tan-normalizzazzjoni tar-relazzjonijiet tagħhom. Il-Kunsill jirrikonoxxi li l-kuntesti politiċi domestiċi kemm fis-Serbja kif ukoll fil-Kosovo ħolqu sfidi għall-progress u jiddispijaċih li l-implimentazzjoni ta' diversi Ftehimiet ta' djalogu għadha mhux kompluta miż-żewġ naħat.
60. Is-Serbja mistennija timplimenta bis-sħiħ il-ftehimiet kollha milħuqa fid-Djalogu u tibda twettaq l-impenji tagħha mill-Ftehim tal-2023 billi tibda r-rikonoxximent ta' dokumenti u simboli f'konformità mal-Artikolu 1 u żżomm lura milli toġġezzjona għas-sħubija tal-Kosovo fi kwalunkwe organizzazzjoni internazzjonali f'konformità mal-Artikolu 4.
61. Il-Kunsill itenni li l-istatus tal-istrutturi u s-servizzi appoġġati mis-Serbja, b'mod partikolari l-kura tas-saħħa u l-edukazzjoni, huwa previst li jiġi solvut b'mod koordinat, trasparenti u inklużiv f'konformità mal-Ftehimiet ta' djalogu u d-dritt tal-Kosovo.
62. Il-Kunsill itenni l-aspettattivi tiegħu għall-integrazzjoni mill-ġdid tas-Serbi tal-Kosovo, l-ewwel nett bil-parteċipazzjoni inklużiva fl-istituzzjonijiet tal-Kosovo fil-livelli kollha, segwita mill-integrazzjoni mill-ġdid u mingħajr kondizzjonijiet tal-persunal eliġibbli mill-ġudikatura u l-pulizija, f'konformità mal-Ftehimiet ta' djalogu u b'rispett sħiħ tal-qafas legali tal-Kosovo.
63. Is-Serbja u l-Kosovo mistennija joqogħdu lura minn azzjonijiet provokattivi, jevitaw retorika ta' firda u jsibu soluzzjonijiet sostenibbli u kkoordinati li jiggarrantixxu s-sikurezza, is-sigurtà u d-demokrazija parteċipattiva għaċ-ċittadini kollha. Il-Kunsill jieħu nota tal-passi meħuda għat-tnaqqis tat-tensjoni miż-żewġ naħat fl-2025.

64. Il-Kunsill itenni mill-ġdid il-kundanna qawwija tiegħu għall-atti vjolenti mwettqa mid-dimostranti Serbi tal-Kosovo kontra ċ-ċittadini, it-truppi tal-KFOR, l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, u l-media fit-Tramuntana tal-Kosovo f'Mejju 2023 u l-attakk vjolenti kontra l-Pulizija tal-Kosovo f'Settembru 2023. M'hemm l-ebda ġustifikazzjoni għall-vjolenza. Il-Kunsill jinnota bi tħassib kbir li s-Serbja għadha ma laħqitx l-aspettattivi għal responsabbiltà sħiħa u jiddispijaċih ħafna dwar l-azzjonijiet insuffiċjenti tas-Serbja f'dan ir-rigward, inkluż il-ksur tal-Proċeduri ta' djalogu dwar l-assistenza legali reċiproka.
65. Il-Kunsill jieħu nota tar-rieda tar-Rappreżentant Għoli li ssejjaħ laqgħa ta' livell għoli tad-Djalogu ladarba l-kundizzjonijiet ikunu favorevoli u tistenna li ż-żewġ partijiet jaħtfu l-opportunità biex jiksbu riżultati konkreti lejn ftehim legalment vinkolanti komprensiv dwar in-normalizzazzjoni tar-relazzjonijiet f'konformità mad-dritt internazzjonali u l-acquis tal-UE.

## MAĊEDONJA TA' FUQ

66. Il-Kunsill jilqa' li l-Maċedonja ta' Fuq żammet l-integrazzjoni mal-UE bħala l-għan strateġiku tagħha u jitlobha tintensifika l-isforzi biex tavvanza r-riformi relatati mal-UE. Filwaqt li jfakkar fil-konklużjonijiet tiegħu ta' Lulju tal-2022, il-Kunsill jinnota li l-Maċedonja ta' Fuq għadha ma lestietx **il-bidliet kostituzzjonali** li marbuta tagħmel. Il-Kunsill jerġa' jafferma r-rieda tiegħu li jlaqqa' konferenza intergovernattiva oħra, mingħajr aktar dewmien jew deċiżjoni politika addizzjonali, hekk kif il-Maċedonja ta' Fuq tkun implimentat dan l-impenn, f'konformità mal-proċeduri interni tagħha. Minn hemm 'il quddiem, il-Kunsill jinsab lest li jiftaħ l-ewwel ġabra ta' negozjar malajr kemm jista' jkun, f'konformità mal-Qafas ta' Negozjar.

67. Il-Kunsill jissottolinja li huma meħtieġa azzjonijiet rapidi u deċiżivi sabiex il-Maċedonja ta' Fuq tissodisfa l-parametri referenzjarji għall-ftuħ għall-ġabra 1 dwar l-**elementi fundamentali**. Il-Kunsill jappella lill-Maċedonja ta' Fuq biex tintensifika l-isforzi u twettaq ir-riformi, b'mod partikolari fil-qasam tal-istat tad-dritt, fejn ma sar l-ebda progress matul l-aħħar sena. Il-Maċedonja ta' Fuq teħtieġ li tissalvagwardja l-indipendenza u l-integrità ġudizzjarja, inkluż permezz tat-tisħiħ tal-Kunsill Ġudizzjarju f'konformità mar-rakkomandazzjoni tal-missjoni ta' rieżami bejn il-pari tal-2023 u l-opinjoni tal-Kummissjoni ta' Venezja. Il-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata jeħtieġ li tissaħħaħ. Jeħtieġ li l-Maċedonja ta' Fuq ittejjeb ir-rekord tagħha b'investigazzjonijiet, prosekuzzjonijiet, kundanni finali u konfiska ta' assi kriminali effettivi f'każijiet ta' korruzzjoni ta' livell għoli. Il-Kunsill jappella lill-Maċedonja ta' Fuq biex tadotta Kodiċi Kriminali ġdid f'konformità mal-acquis tal-UE u l-istandards internazzjonali. Il-Kunsill jinnota li sar xi progress fil-qasam tar-riforma tal-amministrazzjoni pubblika u jħeġġeġ lill-Maċedonja ta' Fuq biex tintensifika l-isforzi tagħha rigward il-modernizzazzjoni tal-amministrazzjoni pubblika tagħha u tiżgura li l-kapaċità amministrattiva meħtieġa tkun fis-seħħ.
68. Il-Kunsill jieħu nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni dwar xi progress reċenti li sar, u jħeġġeġ lill-awtoritajiet tal-Maċedonja ta' Fuq biex iħejju u jiffinalizzaw il-ħidma b'mod inklużiv fuq it-**tliet pjanijiet direzzjonali** kollha għall-funzjonament tal-istituzzjonijiet demokratiċi, ir-riforma tal-amministrazzjoni pubblika u l-kapitoli dwar l-istat tad-dritt, kif ukoll fuq il-**pjan ta' azzjoni** ddedikat għall-protezzjoni tad-drittijiet ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi jew minn komunitajiet.
69. Il-Kunsill itenni l-appell tiegħu lill-Maċedonja ta' Fuq biex issaħħaħ aktar id-**drittijiet fundamentali**, inkluż id-drittijiet ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi jew minn komunitajiet, il-libertà tal-media u l-libertà tal-espressjoni.

70. Il-Kunsill jilqa' l-fatt li l-elezzjonijiet lokali reċenti li saru f'Ottubru u Novembru 2025 kienu ġeneralment kompetittivi, għalkemm b'xi nuqqasijiet proċedurali. Għadha meħtieġa **riforma elettorali** komprensiva, li tinkludi l-indirizzar tar-rakkomandazzjonijiet pendenti mill-OSKE/ODIHR u l-Kummissjoni ta' Venezja.
71. Il-Kunsill jilqa' l-kooperazzjoni dwar il-ġestjoni tal-fruntieri bejn il-Maċedonja ta' Fuq u l-Frontex. Il-Kunsill jappella lill-Maċedonja ta' Fuq biex iżżid l-isforzi għat-titjib tas-sistemi u l-proċeduri ta' akkoljenza għall-ażil.
72. Dwar il-**kriterji ekonomiċi**, il-Kunsill jinnota l-livell tajjeb ta' thejjiġa u l-progress limitat li sar mill-Maċedonja ta' Fuq fl-iżvilupp ta' ekonomija tas-suq li tiffunzjona. Jinnota b'mod pożittiv li l-Maċedonja ta' Fuq għamlet xi progress u jħeġġeġ lil dan il-pajjiż kandidat biex jintensifika l-isforzi tiegħu biex javvanza fil-kapaċità tiegħu li jlaħħaq mal-pressjoni kompetittiva u l-forzi tas-suq fl-UE u biex jimplimenta r-riformi strutturali meħtieġa. Il-Kunsill jilqa' l-progress reċenti fir-rigward tal-konnessjoni ferrovjarja tul il-Kuritur VIII tat-trasport, li huwa ta' importanza strateġika, u jistenna l-implimentazzjoni effettiva tal-impenji li saru.
73. Il-Kunsill jibqa' impenjat għal aktar progress fl-integrazzjoni gradwali tal-Maċedonja ta' Fuq fis-suq intern tal-UE, abbażi, fost l-oħrajn, ta' implimentazzjoni msaħħa tal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni. Il-Kunsill jilqa' l-implimentazzjoni li għaddejja tal-**Pjan ta' Tkabbir** għall-Balkani tal-Punent fil-Maċedonja ta' Fuq, li jinsab fit-triq it-tajba biex iwassal benefiċċji konkreti liċ-ċittadini. Jieħu nota pożittiva tal-ewwel żewġ pagamenti parzjali taħt il-Faċilità għar-Riforma u t-Tkabbir u jħeġġeġ lill-Maċedonja ta' Fuq tkompli l-implimentazzjoni tal-Aġenda ta' Riforma tagħha.

74. Il-Kunsill jinnota li r-**relazzjonijiet tajbin ta' viċinat** u l-kooperazzjoni reġjonali jibqgħu elementi essenzjali tal-proċess ta' tkabbir, kif ukoll tal-Proċess ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni. Il-Kunsill ifakkar fl-importanza li jinkisbu riżultati tanġibbli u li jiġu implimentati, in bona fide, ftehimiet bilaterali, inkluż il-ftehim ta' Prespa mal-Greċja u t-Trattat dwar il-Ħbiberija, ir-Relazzjonijiet Tajbin ta' Viċinat u l-Kooperazzjoni mal-Bulgarija f'konformità mal-Qafas ta' Negozjar.
75. Il-Kunsill ifaħħar bil-qawwa lill-Maċedonja ta' Fuq għall-kooperazzjoni konsistenti tagħha dwar kwistjonijiet ta' politika barranija u l-allinjament sħiħ, sod u li ilu jeżisti min-naħa tagħha mal-**PESK tal-UE**, inkluż dwar il-miżuri restrittivi tal-UE – sinjal qawwi tal-impenn strateġiku tal-Maċedonja ta' Fuq fil-perkors tagħha lejn l-UE. Il-Kunsill jilqa' wkoll it-tkomplija tal-parteċipazzjoni attiva tal-Maċedonja ta' Fuq fil-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-UE taħt il-PSDK u r-rieda li ssaħħaħ il-kooperazzjoni fil-qafas tas-Sħubija għas-Sigurtà u d-Difiża mal-UE.

## **BOŻNIJA-HERZEGOVINA**

76. Wara d-deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew ta' Marzu 2024 **biex jiftaħ negozjati ta' adeżjoni** mal-Bożnija-Herzegovina, il-Kunsill jistenna b'interess li l-Bożnija-Herzegovina tiegħu l-passi rilevanti kollha stipulati fir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tat-12 ta' Ottubru 2022 bil-ħsieb tal-adozzjoni tal-qafas ta' negozjar mill-Kunsill fil-mument li jiġu sodisfatti dawn il-kundizzjonijiet. Huma meħtieġa aktar sforzi fit-tweġiq tal-14-il prijorità ewlenija stipulati fl-Opinjoni tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tagħha għas-sħubija fl-UE kif approvata mill-Kunsill fl-2019.

77. Il-Kunsill jinnota li d-**dinamika tar-riforma** għadha wieqfa u jħeġġeġ lill-atturi politiċi kollha biex iġeddu l-attenzjoni tal-pajjiż fuq il-progress fil-perkors lejn l-UE u jwettqu r-riformi meħtieġa. Bħala kwistjoni ta' prijorità, il-Bożnija-Ħerzegovina għandha tadotta l-Liġi l-ġdida dwar il-Kunsill Ġudizzjarju u ta' Prosekuzzjoni Għoli u l-Liġi dwar il-Qrati f'konformità mal-istandards Ewropej kif ukoll taħtar kap negozjatur. Jeħtieġ ukoll li l-Bożnija-Ħerzegovina tiżviluppa pjan nazzjonali għall-adozzjoni tal-acquis u taħtar b'mod urġenti koordinatur nazzjonali tal-IPA.
78. Il-Kunsill jinnota li ma sar l-ebda progress fir-rigward tal-**ġudikatura u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni**, u jissottolinja li d-deċiżjonijiet tal-Qorti Kostituzzjonali għandhom jiġu rispettati, implimentati u infurzati bis-sħiħ. Il-Kunsill jinnota wkoll li sar xi progress fil-**ġlieda kontra l-kriminalità organizzata**, u jilqa' r-ratifika tal-ftehim ta' kooperazzjoni tal-Eurojust u l-adozzjoni tal-Liġi dwar il-protezzjoni tad-data personali. L-istabbiliment ta' rekord ta' investigazzjonijiet u kundanni u t-tiżiħ kontinwu tal-kapaċitajiet istituzzjonali, ta' ppjanar u ta' koordinazzjoni tal-pajjiż fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata għadhom meħtieġa.
79. Il-Kunsill jilqa' l-adozzjoni tal-Liġi dwar il-kontroll tal-fruntieri u l-iskjerament operazzjonali tal-persunal tal-Frontex wara l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim dwar l-Istatus tal-Frontex, u jappella lill-Bożnija-Ħerzegovina biex tallinja ruħha rapidament bis-sħiħ mal-**politika tal-UE dwar il-viżi**.
80. Il-Kunsill jinnota sforzi limitati fil-qasam tad-**drittijiet fundamentali** u jappella lill-Bożnija-Ħerzegovina biex tirrispetta bis-sħiħ il-libertà ta' għaqda, ta' assoċjazzjoni u ta' espressjoni, u toqgħod lura minn kwalunkwe azzjoni li tħalli impatt negattiv fuq l-eżerċizzju tagħhom. L-integrità elettorali jeħtieġ li tittejjeb qabel l-elezzjonijiet ġenerali tal-2026, f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-korpi internazzjonali.

81. B'referenza għall-**mekkaniżmi istituzzjonali** li ġew stabbiliti bil-Ftehim ta' Paċi ta' Dayton, jeħtieġ li l-Bożnija-Herzegovina twettaq aktar riformi kostituzzjonali u elettorali biex tiżgura l-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni taċ-ċittadini kollha, b'mod partikolari billi timplimenta d-deċiżjoni tal-kawża *Sejdić-Finci* u ġurisprudenza relatata tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Il-Kunsill itenni l-appell tiegħu għal proċess inklużiv ta' riformi kostituzzjonali u elettorali limitati, permezz ta' djalogu ġenwin u f'konformità mal-istandards Ewropej biex jiġu eliminati l-forom kollha ta' inugwaljanza u diskriminazzjoni fil-proċess elettorali, partikolarment bil-ħsieb tal-elezzjonijiet tal-2026. Il-Kunsill ifakkar ukoll li għadd ta' deċiżjonijiet tal-Qorti Kostituzzjonali għad iridu jiġu infurzati b'mod sħiħ. Ma għandu jittieħed l-ebda pass li jagħmel l-implimentazzjoni ta' dawn id-deċiżjonijiet aktar diffiċli jew li jżid il-firda.
82. Il-Kunsill itenni l-**impenn inekwivoku** tiegħu lejn il-perspettiva tal-Bożnija-Herzegovina orjentata lejn l-UE bħala pajjiż wieħed, magħqud u sovrän. Il-Kunsill iħeġġeġ lill-atturi politiċi kollha fil-Bożnija-Herzegovina biex jirrinunzjaw u joqogħdu lura minn retorika u azzjonijiet ta' firda u provokattivi bħal dawk li jqajmu dubji dwar is-sovränità, l-għaqda u l-integrità territorjali tal-pajjiż, biex jirrispettaw il-prinċipji tal-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni taċ-ċittadini kollha li jappartjenu għall-popli kostitwenti kollha u oħrajn, u biex itemmu l-glorifikazzjoni ta' kriminali tal-gwerra kkundannati kif ukoll biex jippromwovu l-fiduċja u r-rikonċiljazzjoni b'mod attiv.
83. Il-Kunsill jieħu nota tal-iżviluppi reċenti fl-Assemblea Nazzjonali tar-Repubblika Srpska li jikkontribwixxu għat-tnaqqis tat-tensjoni tas-sitwazzjoni politika. Il-Kunsill jissottolinja l-importanza ewlenija li l-awtoritajiet fl-entità tar-Repubblika Srpska juru rieda politika ċara li jitbiegħdu mill-inizjattivi u l-leġislazzjoni li fadal li jmorru kontra l-ordni kostituzzjonali u l-perkors tal-pajjiż lejn l-UE, u li jkomplu jkunu sors ta' tħassib.

84. Dwar il-**kriterji ekonomiċi**, il-Kunsill iħeġġeġ lill-Bożnija-Ħerzegovina tintensifika l-isforzi tagħha għall-progress fl-istabbiliment ta' ekonomija tas-suq li tiffunzjona, il-kapaċità tagħha biex tlaħħaq mal-pressjoni kompetittiva u l-forzi tas-suq fl-UE u biex timplimenta r-riformi strutturali meħtieġa.
85. Il-Kunsill jibqa' impenjat għal aktar progress fl-integrazzjoni gradwali tal-Bożnija-Ħerzegovina fis-suq intern tal-UE, abbażi, fost l-oħrajn, ta' implimentazzjoni msaħħa tal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni. Il-Kunsill jilqa' l-implimentazzjoni li għaddejja tal-**Pjan ta' Tkabbir** għall-Balkani tal-Punent fil-Bożnija-Ħerzegovina, li jinsab fit-triq it-tajba biex iwassal benefiċċji konkreti liċ-ċittadini. Il-Kunsill jilqa' l-adozzjoni reċenti tal-**Aġenda ta' Riforma** meħtieġa għall-iżborżi mill-Faċilità għar-Riforma u t-Tkabbir u jappella lill-Bożnija-Ħerzegovina biex tirtatifika l-Ftehim ta' Self u dak ta' Faċilità, taħtar il-Koordinatur tal-Faċilità għar-Riforma u t-Tkabbir u tibda timplimenta r-riformi mingħajr aktar dewmien.
86. Il-Kunsill jilqa' t-tiġdid tal-mandat tal-**EUFOR Althea**, li tkompli taqdi rwol ewlieni fl-appoġġ għall-awtoritajiet fil-Bożnija-Ħerzegovina fiż-żamma ta' ambjent sigur u mingħajr periklu għaċ-ċittadini kollha.
87. Il-Kunsill itenni li huwa importanti li titkompla l-kooperazzjoni fost l-atturi internazzjonali u jesprimi l-appoġġ tiegħu għall-missjoni tar-**Rappreżentant Għoli** u l-Uffiċċju tagħha bl-għan tat-twettiq tal-Aġenda 5+2.
88. Il-Kunsill iħeġġeġ lill-Bożnija-Ħerzegovina biex tibqa' involuta b'mod attiv fil-kooperazzjoni reġjonali u r-**relazzjonijiet tajbin ta' viċinat**, u jtenni l-appell tiegħu lill-Bożnija-Ħerzegovina biex tirtatifika malajr il-**ftehimiet ta' mobbiltà** reġjonali kollha taħt il-Proċess ta' Berlin.

89. Il-Kunsill ifaħħar l-allinjament sħiħ tal-Bożnija-Herzegovina mal-**PESK tal-UE** li jindika l-impenn ċar tagħha fil-perkors lejn l-UE u jħeġġiġha żżomm dan l-impenn u timplimenta bis-sħiħ il-miżuri restrittivi, inkluż dwar ir-Russja u l-Belarusija.

## KOSOVO

90. Il-Kunsill jilqa' l-**impenn** tal-Kosovo li jkompli bil-perkors Ewropew tiegħu u r-riformi relatati, li ser ikomplu jiġu appoġġati mill-UE.
91. Il-Kunsill jinnota l-**progress limitat** ġenerali fir-riformi fil-perjodu ta' rappurtar u jappella lill-Kosovo biex johlq kooperazzjoni bejn il-partiti u jaċċellera l-pass tar-riformi. Huma meħtieġa sforzi b'mod partikolari biex tissaħħaħ ir-riforma tal-amministrazzjoni pubblika u l-istat tad-dritt, inkluż il-konsolidazzjoni tas-sistema ġudizzjarja, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni, u l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali, b'mod partikolari l-libertà tal-espressjoni, fejn ma sar l-ebda progress. Il-Kunsill **jinnota li sar xi progress** fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata.
92. Il-Kunsill jilqa' l-fatt li l-**elezzjonijiet parlamentari** ta' Frar 2025 kienu kompetittivi u saru taħt qafas legali ġdid iżda jinnota wkoll l-isfidi sinifikanti u jinkoraġġixxi lill-Kosovo biex ikompli jikkonsolida l-qafas elettorali tiegħu f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-Missjoni ta' Osservazzjoni Elettorali tal-UE tal-2025.
93. Il-Kunsill jinnota bi tħassib l-istaġnar politiku fit-tul wara l-elezzjonijiet parlamentari u jenfasizza l-importanza ta' proċess elettorali amministrat tajjeb u inklużiv bil-ħsieb tal-elezzjonijiet ġenerali bikrija tat-28 ta' Diċembru 2025, filwaqt li jiddispijaċi dwar it-tentattivi biex tiġi politiċizzata l-ħidma tal-Kummissjoni Elettorali Ċentrali.
94. Il-Kunsill jilqa' l-fatt li l-**elezzjonijiet lokali** tal-2025 saru b'mod trasparenti u professjonali bil-parteċipazzjoni tal-komunitajiet kollha.
95. Il-Kunsill jirrikonoxxi l-progress li sar fil-ġestjoni tal-migrazzjoni u jappella lill-Kosovo biex jallinja malajr mal-politika tal-UE dwar il-viżi.

96. Dwar il-**kriterji ekonomiċi**, il-Kunsill jilqa' xi progress li sar mill-Kosovo fl-iżvilupp ta' ekonomija tas-suq li tiffunzjona u mil-lat tal-kapaċità tagħha biex tlaħħaq mal-pressjoni kompetittiva u l-forzi tas-suq fl-UE u jħeġġeġ lill-Kosovo biex jimplimenta r-riformi strutturali meħtieġa.
97. Il-Kunsill jibqa' impenjat għal aktar progress fl-integrazzjoni gradwali tal-Kosovo fis-suq intern tal-UE, abbażi, fost l-oħrajn, ta' implimentazzjoni msaħħa tal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni. Il-Kunsill jilqa' l-implimentazzjoni li għaddejja tal-**Pjan ta' Tkabbir** għall-Balkani tal-Punent fil-Kosovo, li jinsab fit-triq it-tajba biex iwassal benefiċċji konkreti liċ-ċittadini. Bħala prekondizzjoni biex jibda jirċievi żborżi mill-Faċilità għar-Riforma u t-Tkabbir, il-Kosovo jeħtieġ li jirratifika l-Ftehim ta' Self u dak ta' Faċilità mingħajr aktar dewmien.
98. Il-Kunsill iħeġġeġ lill-Kosovo jkompli jikkoopera mal-**EULEX** u atturi internazzjonali rilevanti oħra u jappoġġa bla kundizzjonijiet il-ħidma tal-**Awli Speċjalizzati għall-Kosovo u l-Uffiċċju tal-Prosekutur Speċjalizat**.
99. Jibqa' essenzjali approċċ kostruttiv lejn il-**kooperazzjoni reġjonali**, b'mod partikolari fis-CEFTA.
100. Il-Kunsill ifaħħar bil-qawwa lill-Kosovo għall-kundanna tiegħu tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, għat-tkomplija tal-allinjament volontarju tiegħu mal-**PESK tal-UE** u l-implimentazzjoni tiegħu tal-miżuri restrittivi tal-UE, li huma espressjoni qawwija tal-għażla strateġika tal-Kosovo u ta' postu f'komunità ta' valuri.
101. Filwaqt li jieħu nota pożittiva tat-trasferiment ordnat tal-governanza lokali fl-erba' muniċipalitajiet tat-Tramuntana, il-Kunsill itenni l-konklużjonijiet tiegħu mis-sena li għaddiet u jistenna b'interess li jitneħħew il-miżuri li fadal.
102. Il-Kunsill jafferma mill-ġdid l-appoġġ sħiħ tiegħu għad-Djalogu ffaċilitat mill-UE bejn Belgrad u Pristina dwar in-normalizzazzjoni tar-relazzjonijiet, immexxi mir-Rappreżentant Għoli u appoġġat mir-Rappreżentant Speċjali tal-UE.

103. Il-progress fil-perkorsi Ewropej rispettivi tagħhom jiddependi fuq l-isforzi li saru biex jiġu implimentati bis-sħiħ l-impenji kollha tagħhom mill-Ftehim tal-2023 dwar il-Perkors għan-Normalizzazzjoni u l-ftehimiet kollha tal-passat mingħajr aktar dewmien jew prekondizzjonijiet. Iż-żewġ partijiet jinsabu f'riskju li jtilfu opportunitajiet importanti fin-nuqqas ta' progress fir-rigward tan-normalizzazzjoni tar-relazzjonijiet tagħhom. Il-Kunsill jirrikonoxxi li l-kuntesti politiċi domestiċi kemm fil-Kosovo kif ukoll fis-Serbja ħolqu sfidi għall-progress u jiddispijaċih li l-implimentazzjoni ta' diversi Ftehimiet ta' djalogu għadha mhux kompluta miż-żewġ naħat.
104. Il-Kosovo mistenni jimplementa bis-sħiħ il-ftehimiet kollha mil-huqa fid-Djalogu bejn Belgrad u Pristina, li jinkludi l-istabbiliment tal-Assoċjazzjoni/Komunità tal-Muniċipalitajiet b'Maġġoranza Serba, u jibda jwettaq l-impenji tiegħu mill-Ftehim tal-2023 billi jibda l-proċess li jwassal għal arranġamenti u garanziji speċifiċi għal livell xieraq ta' awtoġestjoni għall-komunità Serba fil-Kosovo f'konformità mal-Artikolu 7.
105. Il-Kunsill itenni li l-istatus tal-istrutturi u s-servizzi appoġġati mill-Kosovo, b'mod partikolari l-kura tas-saħħa u l-edukazzjoni, mistenni li jiġi solvut b'mod koordinat, trasparenti u inklużiv f'konformità mal-Ftehimiet ta' djalogu u d-dritt tal-Kosovo. Il-Kunsill jinnota bi tħassib diversi azzjonijiet mhux koordinati mill-Kosovo inkluż dawk diretti kontra strutturi u servizzi appoġġati mis-Serbja li joperaw fil-Kosovo li kellhom impatt negattiv fuq is-Serbi tal-Kosovo u komunitajiet oħra u l-aċċess tagħhom għal servizzi pubbliċi u soċjali bażiċi.
106. Il-Kunsill itenni l-aspettattivi tiegħu għall-integrazzjoni mill-ġdid tas-Serbi tal-Kosovo, l-ewwel nett bil-parteċipazzjoni inklużiva fl-istituzzjonijiet tal-Kosovo fil-livelli kollha, segwit mill-integrazzjoni mill-ġdid mingħajr kundizzjonijiet tal-ġudikatura u l-persunal tal-pulizija eliġibbli, f'konformità mal-Ftehimiet ta' djalogu u b'rispett sħiħ tal-qafas legali tal-Kosovo.
107. Il-Kosovo u s-Serbja mistennija joqogħdu lura minn azzjonijiet provokattivi, jevitaw retorika ta' firda u jsibu soluzzjonijiet sostenibbli u kkoordinati li jiggarrantixxu s-sikurezza, is-sigurtà u d-demokrazija parteċipattiva għaċ-ċittadini kollha. Il-Kunsill jieħu nota tal-passi meħuda għat-tnaqqis tat-tensjoni miż-żewġ naħat fl-2025.

108. Il-Kunsill itenni l-kundanna qawwija tiegħu tal-atti vjolenti mwettqa minn dimostranti Serbi tal-Kosovo kontra ċ-ċittadini, it-truppi tal-KFOR, l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, u l-media fit-Tramuntana tal-Kosovo f'Mejju 2023 u l-attakk vjolenti kontra l-Pulizija tal-Kosovo f'Settembru 2023, u jesprimi solidarjetà mal-persuni milquta. M'hemm l-ebda ġustifikazzjoni għall-vjolenza. Huwa jissottolinja l-ħtieġa għal responsabbiltà sħiħa.
109. Il-Kunsill jieħu nota tar-rieda tar-Rappreżentant Għoli li ssejjaħ laqgħa ta' livell għoli tad-Djalogu ladarba l-kundizzjonijiet ikunu favorevoli u tistenna li ż-żewġ partijiet jaħtfu l-opportunità biex jiksbu riżultati konkreti lejn ftehim legalment vinkolanti komprensiv dwar in-normalizzazzjoni tar-relazzjonijiet f'konformità mad-dritt internazzjonali u l-acquis tal-UE.
110. Il-Kunsill ifakkar fil-ħtieġa li tiġi emendata l-aġenda tal-Grupp Speċjali dwar in-Normalizzazzjoni tal-Kosovo biex tirrifletti l-obbligi tal-Kosovo msemmija fil-Ftehim tal-2023.

## TURKIJA

111. It-Turkija għadha pajjiż kandidat u sieħeb ewlieni f'ħafna oqsma ta' interess komuni. Filwaqt li jafferma mill-ġdid il-konklużjonijiet preċedenti tiegħu, il-Kunsill jinnota li n-negozjati tal-adeżjoni tat-Turkija effettivament waqfu u li l-ebda kapitolu ieħor ma jista' jiġi kkunsidrat għall-ftuħ jew għall-għeluq. F'konformità mal-konklużjonijiet preċedenti tal-Kunsill u tal-Kunsill Ewropew dwar ir-relazzjonijiet mat-Turkija, il-Kunsill itenni l-interess strateġiku tal-UE f'ambjent stabbli u sigur fil-Lvant tal-Mediterran u fl-iżvilupp ta' relazzjoni ta' kooperazzjoni u benefiċċju reċiproku mat-Turkija.
112. L-UE tfakkar li hija **lesta tkompli taħdem mat-Turkija** f'oqsma ta' interess komuni b'mod gradwali, proporzjonat u riversibbli, f'konformità mal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' April 2024, u soġġett għal kundizzjonalitajiet stabbiliti.

113. Il-Kunsill jieħu nota kif jixraq tal-**passi konkreti li ttieħdu f'dak il-kuntest**, b'mod partikolari l-organizzazzjoni ta' Djalogi ta' Livell Għoli ġodda jew preċedentement sospiżi u l-ħidma mill-Bank Ewropew tal-Investment lejn l-issoktar tal-operazzjonijiet, b'enfasi fuq is-settur privat. Il-Kunsill jieħu nota wkoll tal-kontinwazzjoni tad-djalogi dwar il-politika barranija u kwistjonijiet reġjonali, u tad-Djalogi ta' Livell Għoli settorjali bejn l-UE u t-Turkija, stabbiliti f'konklużjonijiet preċedenti tal-Kunsill Ewropew. L-impenn kostruttiv tat-Turkija stess ser ikun strumentali biex isir progress f'diversi oqsma ta' kooperazzjoni. F'dan ir-riġward, il-Kunsill jagħti importanza partikolari lill-issoktar tat-taħditiet dwar ir-riżoluzzjoni tas-sitwazzjoni ta' Ċipru u l-progress fihom, biex tissaħħaħ aktar il-kooperazzjoni bejn l-UE u t-Turkija.
114. Il-Kunsill jinsab imħasseb ferm dwar ir-riġress preokkupanti u d-**deterjorament li għadu għaddej fl-oqsma tad-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali**. In-nuqqas sistemiku ta' indipendenza u pressjoni bla bżonn fuq il-ġudikatura, kif ukoll ir-restrizzjonijiet fuq l-espressjoni libera u sikura, u l-arresti u l-prosekuzzjoni ta' uffiċjali eletti demokratikament u personalitajiet tal-oppożizzjoni, inkluż is-sindku ta' Istanbul, kif ukoll attivisti politiċi, rappreżentanti tas-soċjetà ċivili u tan-negozju, ġurnalisti, u oħrajn, jagħtu lok għal mistoqsijiet dejjem akbar dwar l-impenn tat-Turkija mal-valuri demokratiċi, u tħassib kbir dwar l-indipendenza tal-ġudikatura tagħha. Il-pressjoni dejjem tikber li qed jiffaċċjaw l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, speċjalment dawk li jittrattaw in-nisa, il-persuni LGBTI, il-protezzjoni ambjentali u d-drittijiet tal-bniedem hija wkoll kwistjoni ta' tħassib serju. Il-Kunsill jappella lit-Turkija biex treġġa' lura b'mod urġenti x-xejriet negattivi u tindirizza b'mod kredibbli dawn in-nuqqasijiet u n-nuqqasijiet serji l-oħra kollha identifikati fir-rapport tal-Kummissjoni.
115. Il-Kunsill huwa mħasseb ħafna wkoll dwar in-nuqqas kontinwu ta' progress tat-Turkija fl-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (KEDB) u tas-sentenzi tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Il-Kunsill itenni l-appelli tiegħu lill-awtoritajiet biex jintensifikaw il-kooperazzjoni mal-Kunsill tal-Ewropa, jindirizzaw ir-rakkomandazzjonijiet ewlenin tal-korpi tiegħu, jimplimentaw bis-sħiħ il-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (KEDB) u strumenti internazzjonali oħra tad-drittijiet tal-bniedem li t-Turkija hija parti għalihom, kif ukoll biex jeżegwixxu s-sentenzi kollha tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem f'konformità mal-Artikolu 46 tal-KEDB.

116. Il-Kunsill itenni l-importanza li t-titjib fir-**relazzjonijiet bejn it-Turkija u l-Greċja** jitkompla u jiġi sostnut. Il-Kunsill ifakkar li t-tnaqqis tat-tensjoni fil-Lvant tal-Mediterran jeħtieġ li jiġi sostnut.
117. Il-Kunsill għadu jistenna li t-Turkija timpenja ruħha b'mod inekwivoku għal **relazzjonijiet tajbin ta' viċinat** u għas-soluzzjoni paċifika tat-tilwim, b'rikors, jekk meħtieġ, għall-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja. Kif iddikjarat fil-konklużjonijiet rilevanti kollha tal-Kunsill, kif ukoll fid-Dikjarazzjoni tal-21 ta' Settembru 2005, il-Kunsill itenni li jeħtieġ li t-Turkija tissodisfa l-obbligi tagħha taħt il-Qafas ta' Negozjar, inkluż l-implimentazzjoni sħiħa u nondiskriminatorja tal-Protokoll Addizzjonali tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni fir-rigward tal-Istati Membri kollha. Ir-rikonoxximent tal-Istati Membri kollha huwa essenzjali. Jeħtieġ li t-Turkija tinnormalizza r-relazzjonijiet tagħha mar-Repubblika ta' Ċipru u tirrispetta s-sovranità u l-integrità territorjali tal-Istati Membri kollha tal-UE, kif ukoll id-drittijiet sovrani kollha tagħhom, f'konformità mad-dritt tal-UE u dak internazzjonali, inkluż il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Dritt tal-Baħar.
118. Il-Kunsill itenni l-impenn sħiħ tal-UE għal **soluzzjoni komprensiva tal-problema ta' Ċipru**, fil-qafas maqbul tan-NU, f'konformità mar-risoluzzjonijiet rilevanti kollha tal-KSNU u skont il-prinċipji li fuqhom hija msejsa l-Unjoni u l-acquis. Jibqa' kruċjali li t-Turkija timpenja ruħha u tikkontribwixxi b'mod attiv għal din is-soluzzjoni paċifika, inkluż fl-aspetti esterni tagħha. Il-Kunsill jilqa' l-passi meħuda mis-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti lejn l-issoktar ta' taħditiet komprensivi dwar soluzzjoni, inkluż il-ħatra tiegħu ta' Mibgħut Personali dwar Ċipru. L-UE tibqa' lesta taqdi rwol attiv fl-appoġġ tal-istadji kollha tal-proċess immexxi min-NU, bil-mezzi kollha adatti għad-dispożizzjoni tagħha. F'dan il-kuntest, il-Kunsill jistenna b'interess kooperazzjoni mill-qrib mal-Mibgħut Speċjali tal-Kummissjoni għal Ċipru. Il-Kunsill ifakkar fl-importanza tal-istatus ta' Varoşa, jikkundanna l-azzjonijiet unilaterali kollha tat-Turkija li jmorru kontra r-Risoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, u jtenni l-appell tiegħu biex jitreggġu lura immedjatament. Il-Kunsill jappella lit-Turkija biex tirrispetta r-Risoluzzjonijiet rilevanti tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, b'mod partikolari r-Risoluzzjonijiet 541, 550, 789 u 1251.

119. Rigward il-**kriterji ekonomiċi**, il-Kunsill jinnota li sar xi progress u jħeġġeġ lit-Turkija tkompli timplimenta politiki makroekonomiċi orjentati lejn l-istabbiltà u tkompli tindirizza tħassib dwar il-funzjonament xieraq tal-ekonomija tas-suq tat-Turkija u l-ambjent istituzzjonali u regolatorju.
120. Il-Kunsill ifaħħar lit-Turkija għall-isforzi li komplew min-naħa tagħha biex tospita waħda mill-akbar popolazzjonijiet ta' refuġjati fid-dinja. Id-**Dikjarazzjoni UE-Turkija** tibqa' l-qafas ewlieni għall-kooperazzjoni dwar il-migrazzjoni u għadha tagħti riżultati. It-Turkija u l-UE komplew jikkooperaw fl-appoġġ lir-refuġjati u lill-komunitajiet ospitanti fit-Turkija. Il-Kunsill itenni l-importanza tal-implimentazzjoni sħiħa u nondiskriminatorja tad-Dikjarazzjoni UE-Turkija, inkluż fir-rigward tar-Repubblika ta' Ċipru, għall-issoktar tar-ritorni u għall-prevenzjoni tal-wasliet irregolari mingħajr aktar dewmien. F'dan il-kuntest, il-Kunsill jenfasizza wkoll il-ħtieġa li t-Turkija timplimenta bis-sħiħ u b'mod effettiv il-Ftehim ta' Riammissjoni bejn l-UE u t-Turkija u tikkoopera fil-qasam tal-ġustizzja u l-affarijiet interni mal-Istati Membri kollha tal-UE, kif ukoll li tallinja ruħha mal-politika tal-UE dwar il-viżi.
121. Il-Kunsill ifakkar fil-ħtieġa li t-Turkija tissodisfa l-obbligi tagħha fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-**Unjoni Doganali UE-Turkija**, filwaqt li tiżgura l-applikazzjoni effettiva tagħha għall-Istati Membri kollha u tallinja mill-ġdid bis-sħiħ il-politika doganali tagħha mat-Tariffa Doganali Komuni tal-UE, l-Iskema Ġeneralizzata ta' Preferenzi u r-reġim għall-kontroll tal-esportazzjoni ta' oġġetti b'użu doppju kif ukoll mal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-Investimenti Diretti Barranin. Filwaqt li jirrikonoxxi l-progress li sar lejn is-soluzzjoni ta' għadd ta' ostakli għall-kummerċ u t-tneħħija ta' ċerti restrizzjonijiet, il-Kunsill jistenna li t-Turkija tkompli l-ħidma u żżidha biex tneħħi l-ostakli kummerċjali li fadal.
122. Il-Kunsill jirrikonoxxi l-miżuri speċifiċi meħuda mit-Turkija biex twaqqaf iċ-ċirkomvenzjoni tas-**sanzjonijiet tal-UE kontra r-Russja** mit-territorju tagħha, li jeħtieġ li jiġu implimentati u kkomplementati minn aktar sforzi fejn xieraq, b'mod partikolari dwar oġġetti tat-teknoloġija avvanzata użati għal skopijiet militari mir-Russja u fir-rigward tal-"Flotta Mistura" tar-Russja. Il-kooperazzjoni attiva u aktar b'saħħitha mal-UE fil-prevenzjoni u l-identifikazzjoni taċ-ċirkomvenzjoni tas-sanzjonijiet tal-UE tibqa' ta' importanza kbira.

123. Il-Kunsill jiddispjaċiha ħafna dwar ir-rata baxxa ħafna ta' allinjament tat-Turkija mal-**PESK tal-UE** u n-nuqqas ta' allinjament tagħha mal-**miżuri restrittivi tal-UE** adottati b'rispons għall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, u jtenni l-appell qawwi tiegħu li Turkija biex iżżid l-allinjament tagħha mal-pożizzjonijiet u l-miżuri restrittivi tal-PESK tal-UE bħala kwistjoni tal-ogħla prijorità. Dan jeħtieġ li jiġi indirizzat mill-awtoritajiet Torok, inkluż fil-qafas tad-djalogi bejn l-UE u t-Turkija dwar il-politika barranija u kwistjonijiet reġjonali. Il-Kunsill jinnota li t-Turkija wriet approċċ kostruttiv dwar għadd ta' kwistjonijiet reġjonali u ġeopolitiċi. Il-Kunsill jirrikonoxxi r-rwol importanti tat-Turkija li tibqa' tiffaċilita t-taħditiet bejn l-Ukrajna u r-Russja f'Istanbul, u l-appoġġ ġenerali tat-Turkija għall-Ukrajna u l-kontributi għaliha, li jeħtieġ li jinżammu u jiġu estenzi.

## **GEORGIA**

124. Il-Kunsill jafferma mill-ġdid l-appoġġ tal-Unjoni għall-aspirazzjonijiet tal-maġġoranza l-kbira tal-poplu tal-Georgia għal futur Ewropew.

125. L-azzjonijiet meħuda mill-awtoritajiet tal-Georgia ma jissodisfawx l-aspettattivi li għandha l-UE għal pajjiż kandidat. Il-Kunsill jinnota r-rigress ġenerali serju fid-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt, inkluż l-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni repressiva li ddgħajjed id-drittijiet u l-libertajiet fundamentali, l-istrumentalizzazzjoni politika tal-ġudikatura, il-persekuzzjoni tal-mexxejja tal-oppożizzjoni, l-arresti arbitrari ta' dimostranti u ġurnalisti u spazju ċiviku li qed jiċkien.

126. Il-Kunsill jikkundanna u jappella biex jintemmu d-diżinformazzjoni u n-narrattivi kontra l-UE mxerrda mill-awtoritajiet tal-Georgia.

127. Il-Kunsill jinnota b'dispijaċir ir-rigress tal-Georgia fid-disa' passi li fuqhom ingħata l-istatus ta' kandidat. Għalhekk, il-proċess ta' adeżjoni tal-Georgia mal-UE huwa effettivament wieqaf sakemm l-awtoritajiet ma jurux impenn determinat li jerġgħu lura fuq il-passi tagħhom u jerġgħu jaqbd u t-triq tal-adeżjoni mal-UE.
128. Il-Kunsill jappella lill-awtoritajiet tal-Georgia biex jeħilsu lill-politiċi, il-ġurnalisti u l-attivisti kollha detenuti b'mod arbitrarju, biex iħassru l-leġiżlazzjoni repressiva, jadottaw riformi demokratiċi, komprensivi u sostenibbli, f'konformità mal-prinċipji ewlenin tal-integrazzjoni Ewropea, u jwaqqfu n-narrattiva aggressiva tagħha kontra l-UE, l-Ambaxxaturi tal-UE u l-Kap tad-Delegazzjoni bħala l-passi tal-bidu lejn involviment mill-ġdid f'perkors lejn l-UE.
129. Il-Kunsill jafferma mill-ġdid l-appoġġ tal-UE għas-sovranità, l-indipendenza u l-integrità territorjali tal-Georgia fil-fruntieri tagħha rikonoxxuti internazzjonalment u jissottolinja li l-UE tibqa' impenjata bis-sħiħ għar-risoluzzjoni paċifika tal-konflitti u għall-politika tagħha ta' nonrikonoxximent u involviment, inkluż permezz tal-preżenza tal-Missjoni ta' Monitoraġġ tal-UE fil-Georgia.
130. Il-Kunsill jiddispijaċih għan-nuqqas ta' konformità persistenti tal-Georgia mar-rakkomandazzjonijiet tas-seba' rapport dwar il-mekkaniżmu ta' sospensjoni tal-eżenzjoni mill-ħtieġa ta' viża u jappella lill-awtoritajiet Georgjani biex jissodisfawhom u jirrispettaw il-parametri referenzjarji tal-liberalizzazzjoni tal-viża mingħajr dewmien.
131. Il-Kunsill jtenni l-aspettattiva qawwija tiegħu li l-Georgia żżid l-isforzi tagħha lejn allinjament sħiħ mal-PESK, b'mod partikolari billi tallinja mal-miżuri restrittivi tal-UE kontra r-Russja u l-Belarużja meħuda fil-kuntest tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, bħala kwistjoni tal-akbar prijorità. Il-Kunsill jappella wkoll lill-awtoritajiet tal-Georgia biex iżommu lura minn azzjonijiet u dikjarazzjonijiet li jmorru kontra l-pożizzjonijiet tal-UE dwar il-politika barranija. Il-Kunsill iħeġġeġ lill-Georgia tkompli l-kooperazzjoni tagħha dwar il-prevenzjoni taċ-ċirkomvenzjoni tal-miżuri restrittivi tal-UE.